Nru./No. 21,358
Prezz/Price
€5.94

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

It-Tlieta, 10 ta' Diċembru, 2024
Tuesday, 10th December, 2024

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

SOMMARJU – SUMMARY

Notifikazzjonijiet tal-Gvern ..... 29,461 - 29,543
Government Notices ..... *29,461 - 29,543*

Avviżi tal-Pulizija ..... 29,544 - 29,546
Police Notices ..... *29,544 - 29,546*

Avviżi lill-Baħħara 29,547
Notices to Mariners *29,547*

Opportunitajiet ta' Impjieg ..... 29,547 - 29,549
Employment Opportunities ..... *29,547 - 29,549*

Avviżi tal-Gvern ..... 29,549 - 29,556
Notices ..... *29,549 - 29,556*

Offerti ..... 29,556 - 29,559
Tenders ..... *29,556 - 29,559*

Avviżi tal-Qorti ..... 29,559 - 29,588
Court Notices ..... *29,559 - 29,588*

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 1737

ATT DWAR IL-PERITI
(KAP 622)

Ħatra tal-Bord tal-Warrant tal-Periti

NGĦARRFU b'din għall-informazzjoni ta' kulħadd illi skont l-Artikolu 10 tal-Att dwar il-Periti (Kapitolu 622), il-Kamra tal-Periti għamlet dawn il-ħatriet fuq il-Bord tal-Warrant tal-Periti:

Membri
Il-Perit Arkitett Anthony Bezzina
Perit Inġinier Ċivili Catherine Galea

Il-ħatra tal-Perit Arkitett Anthony Bezzina hija effettiva mill-25 ta' Novembru, 2024 sat-30 ta' Ottubru, 2027.

Il-ħatra tal-Perit Inġinier Ċivili Catherine Galea, li qed tinħatar minflok il-Profs. Alex Torpiano, hija effettiva mill-25 ta' Novembru, 2024 sas-27 ta' Frar, 2026.

L-10 ta' Diċembru, 2024

Nru. 1738

ATT DWAR IL-PERITI
(KAP 622)

Ħatra tal-Bord tal-Warrant tal-Periti

NGĦARRFU b'din għall-informazzjoni ta' kulħadd illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtija skont l-Artikolu 6 tal-Att dwar il-Periti (Kapitolu 390), il-Ministru għat-Trasport, Infrastruttura u Xogħlijiet Pubbliċi wara konsultazjoni mal-Kamra tal-Periti ħatar fuq il-Bord tal-Warrant tal-Periti lill-Perit Inġinier Ċivili David Mifsud Parker.

Il-hatra tal-Perit Inġinier Ċivili David Mifsud Parker hija effettiva mill-14 ta' Novembru 2024 għal-perjodu ta' sentejn.

NGĦARRFU wkoll li skont l-Artikolu 6 tal-Att dwar il-Periti (Kapitolu 390), il-Kamra tal-Periti għamlet dawn il-ħatriet fuq il-Bord tal-Warrant tal-Periti:

Membri
Perit Arkitett Anthony Bezzina
Perit Inġinier Ċivili Catherine Galea

GOVERNMENT NOTICES

No. 1737

PERITI ACT
(CAP. 622)

Appointment of the Periti Warranting Board

IT is hereby notified for general information that in terms of Article 10 of the Periti Act (Chapter 622) the Kamra tal-Periti, has made the following appointments to the Periti Warranting Board:

Members
Perit Arkitett Anthony Bezzina
Perit Inġinier Ċivili Catherine Galea

The appointment of Perit Arkitett Anthony Bezzina is effective from the 25th November. 2024 to the 30th October, 2027.

The appointment of Perit Inġinier Ċivili Catherine Galea, who is replacing Prof. Alex Torpiano, is effective from the 25th November, 2024 to the 27th February, 2026.

10th December, 2024

No. 1738

PERITI ACT
(CAP. 622)

Appointment of the Periti Warranting Board

IT is hereby notified for general information that in exercise of the powers conferred by Article 6 of the Periti Act (Chapter 390), the Minister for Transport, Infrastructure and Public Works, following consultation with the Kamra tal-Periti, has appointed Perit Inġinier Ċivili David Mifsud Parker to the Periti Warranting Board

The appointment of Perit Inġinier Ċivili David Mifsud Parker is effective from the 14th November, 2024 for a period of two years.

IT is also being notified that in terms of Article 6 of the Periti Act (Chapter 390) the Kamra tal-Periti, has made the following appointments to the Periti Warranting Board:

Members
Perit Arkitett Anthony Bezzina
Perit Inġinier Ċivili Catherine Galea

Il-ħatra tal-Perit Arkitett Anthony Bezzina hija effettiva mill-25 ta' Novembru, 2024 sat-30 ta Ottubru, 2026.

Il-ħatra tal-Perit Inġinier Ċivili Catherine Galea, li qed tinħatar minflok il-Profs. Alex Torpiano, hija effettiva mill-25 ta' Novembru, 2024 sas-27 ta' Frar, 2026.

L-10 ta' Diċembru, 2024

Nru. 1739

ATT DWAR L-AWTORITÀ GĦAS-SAĦĦA U S-SIGURTÀ FUQ IL-POST TAX-XOGĦOL (KAP. 424)

Ħatra tal-Board tal-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol

NGĦARRFU b'din għall-informazzjoni ta' kullħadd illi, l-kompetenza tal-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol se tiġi trasferita għall-Att dwar Saħħa u s-Sigurtà fuq ix-Xogħol, Kap 646. Konsegwetament, l-bord attwali tal- Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol ser jiġi terminat mill-25 ta' Novembru, 2024. Għaldaqstant, il-Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni qed jaħtar il-bord il-ġdid tal-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol skont artikolu 4(5) tal-Att dwar Saħħa u s-Sigurtà fuq ix-Xogħol, Kap 646, kif ġej:

Chairperson
Is-Sur Pierre Fava

Membri
Is-Sur Adrian Cauchi
Is-Sa Dianne Vella Muscat
Dr Zaid Teebi
Is-Sur Dolan Debattista
Is-Sur Victor Carachi
Is-Sa Isabelle Farrugia
Is-Sur Joseph Delia
Is-Sur Andrew Aquilina

Segretarja
Dr Marouska Debono

Dawn il-ħatriet huma validi għal perjodu ta' sentejn (2) b'effett mis-26 ta' Novembru, 2024.

L-10 ta' Diċembru, 2024

The appointment of Perit Arkitett Anthony Bezzina is effective from the 25th November, 2024 to the 30th October, 2026.

The appointment of Perit Inġinier Ċivili Catherine Galea, who is replacing Prof. Alex Torpiano, is effective from the 25th November, 2024 to the 27th February, 2026.

10th December, 2024

No. 1739

OCCUPATIONAL HEALTH AND SAFETY AUTHORITY ACT (CAP. 424)

Appointment of the Occupational Health and Safety Board

IT is hereby notified for general information that, the remit of the Occupational Health and Safety Authority Board will now be transferred to the Health and Safety at Work Act Cap 646. Consequently, the current Occupational Health and Safety Authority Board will be dissolved as from 25th November, 2024. In this regard, the Minster for Justice and Reform of the Construction Sector is appointing the new Occupational Health and Safety Authority Board according to article 4(5) of the Health and Safety at Work Act Cap 646, as follows:

Chairperson
Mr Pierre Fava

Members
Mr Adrian Cauchi
Ms Dianne Vella Muscat
Dr Zaid Teebi
Mr Dolan Debattista
Mr Victor Carachi
Ms Isabelle Farrugia
Mr Joseph Delia
Mr Andrew Aquilina

Secretary
Dr Marouska Debono

These appointments are effective for a period of two (2) years as from 26th November, 2024.

10th December, 2024

Nru. 1740

AVVIŻI LEGALI PPUBBLIKATI FIS-SUPPLIMENT MAL-GAZZETTA TAL-GVERN

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Avviżi Legali li ġejjin ġew ippubblikati fis-Suppliment mal-Gazzetta tal-Gvern Nru. 21,354 tat-3 ta' Diċembru, 2024 (Avviżi Legali 327 sa 330) u l-Gazzetta tal-Gvern Nru. 21,356 tas-6 ta' Diċembru, 2024 (Avviżi Legali 331 sa 334) rispettivament.

A.L. 327 tal-2024: Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika (Kap. 595); Ordni tal-2024 li jemenda l-Ordni li Jwaqqaf l-Aġenzija għar-Reġistrazzjoni tal-Artijiet.

A.L. 328 tal-2024: Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327); L-Ordinamenti tal-2024 biex jemendew l-Ordinamenti tal-2010 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2021 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master of Arts in Comparative Euro-Mediterranean Education Studies taħt il-patroċinju taċ-Ċentru Ewro-Mediterranju għar-Riċerka fl-Edukazzjoni.

A.L. 329 tal-2024: Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327); L-Ordinamenti tal-2024 skont ir-Regolamenti tal-2023 għall-Grad ta' Doctor of Philosophy – Ph.D. – għall-Grad ta' Doctor of Philosophy – Ph.D. – taħt il-patroċinju tal-Istitut għall-Enerġija Sostenibbli.

A.L. 330 tal-2024: L-Ordinamenti tal-2024 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2024 skont ir-Regolamenti tal-2023 għall-Grad ta' Doctor of Philosophy – Ph.D. – għall-Grad ta' Doctor of Philosophy – Ph.D. – taħt il-patroċinju taċ-Ċentru tal-Profiċjenza fil-Lingwa Ingliża.

A.L. 331 tal-2024: Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent (Kap. 549), Att dwar is-Sigurezza tal-Prodotti (Kap. 427); Regolamenti tal-2024 li jemendaw ir-Regolamenti dwar l-Ippakkjar u l-Iskart tal-Ippakkjar fil-Maniġġar tal-Iskart.

A.L. 332 tal-2024: Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali (Kap. 452); Regolamenti tal-2024 dwar il-Paga Minima u Negozjar Kollettiv.

A.L. 333 tal-2024: Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), Att dwar l-Awtorità għat-Trasport f'Malta (Kap. 499); Regolamenti tal-2024 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Servizzi ta' Ġarr ta' Passiġġieri b'Vetturi Żgħar u Servizzi ta' Kiri ta' Vetturi (Emenda Nru 2).

No. 1740

LEGAL NOTICES PUBLISHED IN THE SUPPLEMENT TO THE GOVERNMENT GAZETTE

IT is notified for general information that the following Legal Notices were published in the Supplement to the Government Gazette No. 21,354 of 3rd December, 2024 (Legal Notices 327 to 330) and Government Gazette No. 21,356 of 6th December, 2024 (Legal Notices 331 to 334) respectively.

L.N. 327 of 2024: Public Administration Act (Cap. 595); Land Registration Agency (Establishment) (Amendment) Order, 2024.

L.N. 328 of 2024: Education Act (Cap. 327); Bye-Laws of 2024 to amend the Bye-Laws of 2010 in terms of the General Regulations for University Postgraduate Awards, 2021 for the Degree of Master of Arts in Comparative Euro-Mediterranean Education Studies under the auspices of the Euro-Mediterranean Centre for Educational Research.

L.N. 329 of 2024: Education Act (Cap. 327); Bye-Laws of 2024 in terms of the Doctor of Philosophy – Ph.D. – Degree Regulations, 2023 for the Degree of Doctor of Philosophy – Ph.D. – under the auspices of the Institute for Sustainable Energy.

L.N. 330 of 2024: Education Act (Cap. 327); Bye-Laws of 2024 to amend the Bye-Laws 2024 in terms of the Doctor of Philosophy – Ph.D. – Degree Regulations, 2023 for the Degree of Doctor of Philosophy – Ph.D. – under the auspices of the Centre for English Language Proficiency.

L.N. 331 of 2024: Environment Protection Act (Cap. 549), Product Safety Act (Cap. 427); Waste Management (Packaging and Packaging Waste) (Amendment) Regulations, 2024.

L.N. 332 of 2024: Employment and Industrial Relations Act (Cap. 452); Minimum Wage and Collective Bargaining Regulations, 2024.

L.N. 333 of 2024: Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65); Authority for Transport in Malta Act (Cap. 499); Light Passenger Transport Services and Vehicle Hire Services (Amendment No. 2) Regulations, 2024.

A.L. 334 tal-2024: Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income* (Kap. 123); Regoli tal-2024 dwar Tassazzjoni fuq il-Kummerċ tal-Assigurazzjoni wara l-adozzjoni tal-Istandard Internazzjonali tar-Rapportar Finanzjarju 17 dwar Kuntratti ta' Assigurazzjoni.

L-10 ta' Diċembru, 2024

Nru. 1741

ĦATRA TA' AĠENT DIRETTUR ĠENERALI (KUMMERĊ)

IS-SEGRETARJU Permanenti fil-Ministeru għall-Ekonomija, Intrapriża u Proġetti Strateġiċi approva l-ħatra temporanja li ġejja:

ISEM *NAME*	POST *POST*	DIPARTIMENT *DEPARTMENT*	DATA *DATE*
Is-Sur Brian Montebello	Direttur Ġenerali *Director General*	Kummerċ *Commerce*	9.12.2024-12.12.2024

L-10 ta' Diċembru, 2024

Nru. 1742

ATT DWAR IL-PROFESSJONI NUTARILI U ARKIVJI NUTARILI (KAP. 55)

Rikors Numru: 1122/2024

B' Digriet tal-5 ta' Diċembru, 2024, il-Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili ordnat il-waqfien b'effett immedjat tal-inabilitazzjoni parzjali tan-Nutar Dottor Nicholas Vella mill-eżerċizzju tal-professjoni nutarili ordnata bid-Digriet Tagħha tas-16 ta' Novembru, 2024, stante li issa jirriżulta li l-istess Nutar Vella issa ottempera ruħu mal-Liġi u mal-Ordni ta' din il-Qorti.

ADRIAN MICALLEF
Deputat Reġistratur, Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili

Illum, 5 ta' Diċembru, 2024

Nru. 1743

ATT DWAR IL-PROFESSJONI NUTARILI U ARKIVJI NUTARILI (KAP. 55)

Rikors Numru: 1123/2024

B' Digriet tal-5 ta' Diċembru, 2024, il-Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili ordnat il-waqfien b'effett immedjat tal-

L.N. 334 of 2024: Income Tax Act (Cap. 123); Taxation of Business of Insurance following the adoption of the International Financial Reporting Standard 17 Insurance Contracts Rules, 2024.

10th December, 2024

No. 1741

APPOINTMENT OF ACTING DIRECTOR GENERAL (COMMERCE)

THE Permanent Secretary in the Ministry for the Economy, Enterprise and Strategic Projects has approved the following acting appointment.

ISEM *NAME*	POST *POST*	DIPARTIMENT *DEPARTMENT*	DATA *DATE*
Is-Sur Brian Montebello	Direttur Ġenerali *Director General*	Kummerċ *Commerce*	9.12.2024-12.12.2024

10th December, 2024

No. 1742

NOTARIAL PROFESSION AND NOTARIAL ARCHIVES ACT (CAP. 55)

Application Number: 1122/2024

By a Decree of the 5th December, 2024, the Court of Revision of Notarial Acts ordered the immediate cessation of the partial incapacitation of Notary Dr Nicholas Vella from the exercise of the notarial profession ordered by the Decree of the 16th November, 2024, as it now appears that the same Notary Vella has now complied with the Law and the Order of this Court.

ADRIAN MICALLEF
Deputy Registrar, Court of Revision of Notarial Acts

Today, 5th December, 2024

No. 1743

NOTARIAL PROFESSION AND NOTARIAL ARCHIVES ACT (CAP. 55)

Application Number: 1123/2024

By a Decree of the 5th December, 2024, the Court of Revision of Notarial Acts ordered the immediate cessation of

inabilitazzjoni parzjali tan-Nutar Dottor Maria Roberta Galea Mamo mill-eżerċizzju tal-professjoni nutarili ordnata bid-Digriet Tagħha tas-16 ta' Novembru, 2024, stante li issa jirriżulta li l-istess Nutar Galea Mamo issa ottemperat ruħha mal-Liġi u mal-Ordni ta' din il-Qorti.

ADRIAN MICALLEF
Deputat Reġistratur, Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili

Illum, 5 ta' Diċembru, 2024

Nru. 1744

ATT DWAR IL-PROFESSJONI NUTARILI U ARKIVJI NUTARILI (KAP. 55)

Rikors Numru: 1124/2024

B' Digriet tal-5 ta' Diċembru, 2024, il-Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili ordnat il-waqfien b'effett immedjat tal-inabilitazzjoni parzjali tan-Nutar Dottor Robert Micallef mill-eżerċizzju tal-professjoni nutarili ordnata bid-Digriet Tagħha tas-16 ta' Novembru, 2024, stante li issa jirriżulta li l-istess Nutar Micallef issa ottempera ruħu mal-Liġi u mal-Ordni ta' din il-Qorti.

ADRIAN MICALLEF
Deputat Reġistratur, Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili

Illum, 5 ta' Diċembru, 2024

Nru. 1745

MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI

Direttorat tal-Agrikoltura

ID-DIRETTORAT tal-Agrikoltura fi ħdan il-Ministeru għall-Agrikoltura, Sajd u Drittijiet tal-Annimali, qiegħed b'dan jgħarraf li, skont il-Leġislazzjoni Sussidjarja 427.89, il-ħames riċetti msemmija hawn taħt ġew uffiċjalment rikonoxxuti u inklużi fir-Reġistru Nazzjonali tal-Prodotti Agri-Alimentari Tradizzjonali ta' Malta. L-iskop ta' dan ir-reġistru hu li jgħarraf b'mod uffiċjali dawk il-prodotti agrikoli u platti bħala patrimonju kulturali li ġew identifikati mill-poplu Malti.

Minestra
Fenek moqli
Stuffat tal-fenek
Bigilla
Kawlata

Il-pubbliku ġenerali kif ukoll partijiet interessati huma mistiedna jżuru r-Reġistru Nazzjonali tal-Prodotti Agri-

the partial incapacitation of Notary Dr Maria Roberta Galea Mamo from the exercise of the notarial profession ordered by the Decree of the 16th November, 2024, as it now appears that the same Notary Galea Mamo has now complied with the Law and the Order of this Court.

ADRIAN MICALLEF
Deputy Registrar, Court of Revision of Notarial Acts

Today, 5th December, 2024

No. 1744

NOTARIAL PROFESSION AND NOTARIAL ARCHIVES ACT (CAP. 55)

Application Number: 1124/2024

By a Decree of the 5th December, 2024, the Court of Revision of Notarial Acts ordered the immediate cessation of the partial incapacitation of Notary Dr Robert Micallef from the exercise of the notarial profession ordered by the Decree of the 16th November, 2024, as it now appears that the same Notary Micallef has now complied with the Law and the Order of this Court.

ADRIAN MICALLEF
Deputy Registrar, Court of Revision of Notarial Acts

Today, 5th December, 2024

No. 1745

MINISTRY FOR AGRICULTURE, FISHERIES AND ANIMAL RIGHTS

Agricultural Directorate

THE Agricultural Directorate, within the Ministry for Agriculture, Fisheries, and Animal Rights is hereby notifying that, in line with Subsidiary Legislation 427.89, the five products mentioned hereunder have been officially recognised and included in the National Register of Traditional Agro-Food Products of Malta. The scope of this register is to officially recognise agricultural products and gastronomy as cultural heritage that are identified as traditional amongst the Maltese population.

Minestra
Fried rabbit
Rabbit stew
Bigilla
Kawlata

The public as well as all interested stakeholders are invited to access the National Register of Traditional Agro-

Alimentari Tradizzjonali ta' Malta billi jidħlu fis-sit elettroniku (www.ikeltakwalita.gov.mt) u jidħlu fil-paġna tal-Prodotti Agri-Alimentari Tradizzjonali ta' Malta.

L-10 ta' Diċembru, 2024

Nru. 1746

ATT DWAR IL-ĦADDIEMA D-DEHEB U L-ĦADDIEMA L-FIDDA (ARĠENTIERA) (KAP. 46)

IL-KUMMISSARJU tat-Taxxi Interni jgħarraf illi, fid-data li tidher hawn taħt, il-prezz tad-deheb u l-fidda li fuqu huma bbażati l-valutazzjonijiet magħmulin mill-Konslu għall-Ħaddiema d-Deheb u l-Ħaddiema l-Fidda ġie ffissat għall-finijiet tal-artikolu 14 tal-imsemmi Att kif ġej:

Data *Date*	Deheb Pur Gramma *Pure Gold Grams*	Fidda Pura Gramma *Pure Silver Grams*
10.12.2024	€80.117	€0.944

Food Products of Malta by logging on (www.ikeltakwalita.gov.mt) and find the Traditional Agro-food Products of Malta page.

10th December, 2024

No. 1746

GOLDSMITHS AND SILVERSMITHS ACT (CAP. 46)

THE Commissioner of Inland Revenue notifies that, on the date shown hereunder, the price of gold and silver on which valuations made by the Consul for Goldsmiths and Silversmiths are based has been fixed for the purposes of article 14 of the said Act as follows:

Data *Date*	Deheb Pur Gramma *Pure Gold Grams*	Fidda Pura Gramma *Pure Silver Grams*
10.12.2024	€80.117	€0.944

L-10 ta' Diċembru, 2024

Nru. 1747

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN F'SANTA VENERA

Korrezzjoni

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 1308, tal-4 ta' Ottubru, 2024, taħt it-titlu 'Numri ġodda ta' bibien fil-Ħamrun', il-lokalità u d-dħul murija hawn taħt għandhom jiġu kkoreġuti kif indikat b'tipi grassi.

IL-ĦAMRUN

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn	In-naħa tal-lemin meta tidħol minn
Triq Villambrosa	Triq Villambrosa
Left side entering from Triq Villambrosa	*Right side entering from Triq Villambrosa*

għandhom jinqraw
should read

SANTA VENERA

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn	In-naħa tal-lemin meta tidħol minn
Triq l-14 ta' Novembru	**Triq l-14 ta' Novembru**
Left side entering from ***Triq l-14 ta' Novembru***	*Right side entering from* ***Triq l-14 ta' Novembru***

L-10 ta' Diċembru, 2024

10th December, 2024

No. 1748

MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI

Noti ta' Spjegazzjoni
(għall-iskop tal-artikolu 3(2)(ċ) tal-Kap. 512 tal-Liġijiet ta' Malta)

1. Introduzzjoni

Titolu tal-avviż legali	Regolamenti tal-2024 dwar Prodotti Mediċinali Veterinarji minn hawn 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti"
Attività li trid tiġi regolata	It-tisħiħ tar-regolamentazzjoni u l-kontroll tal-bejgħ bl-imnut, ir-riċerka, il-forniment, id-distribuzzjoni, id-dispensar, il-preskrizzjoni, il-manifattura, ġbir tad-data u l-użu ta' prodotti mediċinali veterinarji u sustanzi attivi
Entità responsabbli	Direttorat għar-Regolazzjoni Veterinarja fi ħdan id-Dipartiment għas-Saħħa u t-Trattament Xieraq tal-Annimali

2. Taqsira u l-Isfond

2.1 Għanijiet u Objettivi tal-leġiżlazzjoni

Ir-regolamenti għandhom l-għan li jissupplimentaw u jagħtu effett sħiħ lir-Regolament (UE) 2019/6 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar prodotti mediċinali veterinarji u li jħassar id-Direttiva 2001/82/KE (minn hawn 'il-quddiem imsejjaħ "Regolament (UE) 2019/6"). Jirregolaw ukoll kwistjonijiet oħra li jaqgħu taħt is-suġġett kif previst fir-Regolament (UE) 2019/6.

Minbarra li jagħtu effett sħiħ u jippermettu l-implimentazzjoni effettiva tar-Regolament (UE) 2019/6, dawn ir-regolamenti fihom għadd ta' dispożizzjonijiet nazzjonali li huma essenzjali għall-ġestjoni tal-ambjent regolatorju li ħarġu fl-aħħar ftit snin. . Il-ħtieġa ta' kontroll aħjar tal-prodotti mediċinali veterinarji, b'mod partikolari dwar dak li jirrigwarda t-theddid emerġenti tar-reżistenza antimikrobika, u l-perikli tat-tqegħid fis-suq ta' mediċini ineffettivi kienu l-fatturi ewlenin għal dawn id-dispożizzjonijiet legali ġodda. Barra minn hekk, kemm l-istandards tal-kura tal-annimali u l-aspettattivi mill-pubbliku żdiedu b'mod sinifikanti f'dawn l-aħħar snin. Għalhekk, kwalunkwe leġiżlazzjoni ġdida trid tissodisfa wkoll dawn l-aspettattivi.

2.2 Importanza tar-Regolamenti

Il-kontroll imtejjeb fuq il-bejgħ, il-manifattura, il-ħażna, id-distribuzzjoni, ġbir tad-data u l-użu ta' prodotti mediċinali veterinarji, b'mod partikolari antimikrobiċi u drogi narkotiċi/psikotropiċi, se jnaqqas l-abbuż, l-użu ħażin jew l-użu żejjed ta' dawn il-prodotti. Dan se jaffettwa direttament is-saħħa tal-annimali u indirettament is-saħħa tal-bniedem għax jekk ma jintużawx sew residwi ta' dawn il-prodotti jistgħu jispiċċaw fil-katina tal-ikel. Użu impudenti ta' antimikrobiċi jżid l-prevalenza tar-reżistenza għall-antimikrobiċi. Din hija waħda mill-ikbar theddida għas-saħħa tal-bniedem u tal-annimali madwar id-dinja. Addizzjonalment, l-użu mhux xieraq jikkontribwixxi għat-theddid dejjem jiżdied ta' reżistenza antimikrobika. Biex ma nsemmux in-nuqqas ta' kontroll fuq id-drogi ta' abbuż, li mhuwiex konformi mal-Konvenzjoni Singola tal-1961 dwar id-Drogi Narkotiċi kif emendata bil-Protokoll tal-1972. Ir-regolamenti l-ġodda jindirizzaw dawn il-kwistjonijiet.

Is-sitwazzjoni attwali tista' twassal ukoll għal nuqqas ta' konformità mal-obbligi ta' Malta li tikkontrolla l-użu ta' prodotti mediċinali veterinarji u l-użu prudenti ta' dawn il-prodotti fil-livell tal-UE.

Għaldaqstant, wieħed mill-għanijiet ewlenin tal-'Istrateġija u l-Pjan ta' Azzjoni għall-Prevenzjoni u l-Kontenjment tar-Reżistenza għall-Antimikrobiċi f'Malta 2020 – 2028' huwa li tirrevedi l-leġiżlazzjoni relevanti attwali biex tissaħħaħ il-governanza

biex tipprevjeni u tikkontrabatti r-reżistenza għall-antimikrobiċi u tindirizza l-lakuni fil-leġiżlazzjoni u r-regolamenti sabiex tiġi żgurata t-tmexxija, l-impenn u l-kontabilità għal azzjonijiet biex tiġi miġġielda r-reżistenza għall-antimikrobiċi. Il-pjan ta' azzjoni għall-istrateġija msemmija ġie inkluż bħala 'Miżura tal-Baġit Nru 108, 2020 (Se jiġi implimentata l-Istrateġija dwar ir-Reżistenza Antimikrobika bil-għan li titjieb il-bijosigurtà fl-irziezet u l-użu prudenti tal-antimikrobiċi)'.

2.3 Konsultazzjoni Pubblika

Qabel il-finalizzazzjoni tal-abbozz tal-Avviż Legali fuq il-mejda saret sessjoni konsultattiva mal-Kunsill tal-Kirurgi Veterinarji (VSC) dwar partijiet tal-abbozz tal-Avviż Legali relatati mal-riċetta veterinarja. Id-dettalji huma kif ġej:

Dwar il- riċetta veterinarja: Abbozz ta' test mibgħut fis-7 ta' Settembru 2021. Feedback riċevut fit-22 ta' Settembru 2021. Laqgħa li saret fl-20 ta' Diċembru 2021

Wara din is-sessjoni, l-abbozz tal-Avviż Legali li fih id-dispożizzjonijiet kollha relatati mal-prodotti mediċinali veterinarji ġie ffinalizzat u ngħata lill-partijiet interessati magħżula kif hawn imniżżel hawn taħt. It-test intbagħat lill-partijiet interessati kollha fit-2 ta' Frar 2023 bi skadenza estiża tat-28 ta' Frar 2023 (l-iskadenza oriġinali kienet is-17 ta' Frar 2023)

Kunsill tal-Ispiżerija: feedback ipprovdut fl-1 ta' Marzu 2023;
Kunsill tal-Kirurgi Veterinarji: feedback ipprovdut fit-28 ta' Frar 2023;
Assoċjazzjoni Veterinarja ta' Malta: l-ebda feedback ma ġie riċevut;
Il-Kamra tal-Ispiżjara ta' Malta: l-ebda feedback ma ġie riċevut;

3. Ħarsa ġenerali tal-istruttura tal-istrument

Ir-regolamenti huma magħmula minn disgħa u tletin (39) regolament li huma dawn:

1. Titolu, għan, applikabbiltà, u bidu fis-seħħ.
2. Tifsir.
3. Lingwi.
4. Fuljett ta' Tagħrif.
5. Eżenzjonijiet minn awtorizzazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni.
6. Awtorizzazzjoni għal finijiet ta' riċerka u żvilupp.
7. Prodotti mediċinali veterinarji miksuba għall-użu personali.
8. Reġistrazzjoni skont l-Artikolu 116 tar-Regolament (UE) 2019/6.
9. Użu kaskata ta' prodotti mediċinali veterinarji.
10. Reġistrazzjoni ta' prodotti mediċinali veterinarji omeopatiċi.
11. Kummerċ parallel.
12. Manifattura ta' prodotti mediċinali veterinarji u sustanzi attivi.
13. Persuna kwalifikata.
14. Prodotti li huma fi tranżitu.
15. Forniment bl-imnut ta' prodotti mediċinali veterinarji.
16. Dispensar.
17. Preskrizzjoni.
18. Kategoriji ta' distribuzzjoni ta' prodott mediċinali veterinarju.
19. Reklamar.
20 Kampjuni jew pakketti ta' dimostrazzjoni.
21. Promozzjoni.
22. Distribuzzjoni bl-ingrossa u senserija ta' prodotti mediċinali veterinarji.
23. Applikazzjoni għal awtorizzazzjoni ta' distribuzzjoni bl-ingrossa.
24. Għoti ta' awtorizzazzjoni ta' distribuzzjoni bl-ingrossa.

25. Obbligi tad-distributur bl-ingrossa ta' prodotti mediċinali veterinarji.
26. Tiġdid, validazzjoni, sospensjoni jew revoka ta' awtorizzazzjoni ta' distribuzzjoni bl-ingrossa.
27. Id-dmirijiet tal-persuna responsabbli.
28. Prodotti mediċinali oħra.
29. Senserija ta' prodotti medicinali veterinarji.
30. Riċetta veterinarja.
31. Riċetta veterinarja stabbilita mid-Direttur.
32. Somministrazzjoni ta' prodotti mediċinali veterinarji u prodotti mediċinali lill-annimali.
33. Ilmenti riċevuti mid-detentur tal-awtorizzazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni.
34. Rimi sikur tal-prodotti mediċinali veterinarji.
35. Aċċess mid-Direttur.
36. Reati, pieni u penalitajiet amministrattivi.
37. Dritt ta' appell.
38. Tħassir u riżerva.
39. Emenda konsegwenzjali.

4. Kummentarju

Ir-regolament 2 jipprovdi tifsiriet għal termini li jinsabu fir-regolamenti. Ta' min jinnota li t-tifsiriet li diġà huma preżenti fl-Att dwar is-Servizzi Veterinarji (Kapitolu 437 tal-Liġijiet ta' Malta) għandhom japplikaw meta kliem u frażijiet użati fir-regolamenti mhumiex imfissra, u li meta kliem u frażijiet użati mhumiex imfissra fir-regolamenti u fl-Att, it-tifsiriet fir-Regolament (UE) 2019/6 għandhom japplikaw.

Ir-regolament 3 jispeċifika kif id-Direttur jista' jiddeċiedi liema lingwi tal-pakketti huma aċċettabbli biex jiġu kkummerċjalizzati f'Malta, skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) 2019/6.

Ir-regolament 4 jispeċifika l-aċċettabbiltà ta' fuljetti ta' tagħrif ta' pakketti elettroniċi skont l-Artikolu 14(3) tar-Regolament (UE) 2019/6.

Ir-regolament 5 jispeċifika kif tkun l-eżenzjoni minn Awtorizzazzjoni għall-Kummerċjalizzazzjoni mogħtija mill-Artikolu 5(6) tar-Regolament (UE) 2019/6 u kif tista' ssir. Ir-regolament jsemmi l-kondizzjonijiet għal tali eżenzjoni, inklużi numru ta' obbligi, eż. li jirrappurtaw reazzjonijiet negattivi. Il-kumpaniji għandhom jinnutaw li sustanzi attivi li huma antimikrobiċi ma jistgħux jiġu awtorizzati permezz ta' din ir-rotta. Ir-rekwiżiti jinkludu t-tagħrif dwar il-prodott li jrid jingħata lill-utent. Il-kumpaniji huma obbligati li jinkludu dan it-tagħrif fuq il-pakketti. Prodotti awtorizzati b'dan il-mod ma jistgħux ikunu mediċina li jingħataw bir-riċetta. Għalhekk, l-antimikrobiċi huma esklużi mill-użu ta' din l-eżenzjoni.

Ir-regolament 6 fuq prodotti għal skopijiet ta' riċerka jispeċifika li l-applikanti għandhom japplikaw għall-awtorizzazzjoni. Isemmi wkoll l-kondizzjonijiet tagħha, inklużi għadd ta' obbligi, eż. rappurtar ta' reazzjonijiet negattivi. Il-prodotti jistgħu mhux neċessarjament ikunu prodotti mediċinali veterinarji b'Awtorizzazzjoni għall-Kummerċjalizzazzjoni imma anke prodotti mediċinali veterinarji investigattivi jew sustanzi attivi. Il-kumpaniji għandhom jinnutaw li din id-dispożizzjoni rregolat il-prodott inkwistjoni aktar milli l-attività per se.

Ir-regolament 7 jispeċifika l-kondizzjonijiet ta' kwalunkwe persuna li takkwista prodotti mediċinali veterinarji minn kwalunkwe pajjiż għall-użu personali. Rekwiżiti importanti jinkludu li l-prodotti ma għandhomx jinbiegħu jew jerġgħu jinbiegħu għal qligħ monetarju u li l-prodotti nfushom, jew l-indikazzjonijiet tagħhom, ma jkunux illegali f'Malta. Prodotti mmunoloġiċi (vaċċini) ħajjin jew attenwati, drogi psikotropiċi jew drogi narkotiċi ma jistgħux jinkisbu b'dan il-mod. Jista' jkun hemm bżonn ta' riċetta veterinarja f'xi każijiet. Ta' min jinnota li din id-dispożizzjoni ma tapplikax biex jinkisbu prodotti mediċinali manifatturati għall-użu tal-bniedem iżda maħsub mill-persuna inkwistjoni biex jintużaw fuq l-annimali.

Ir-regolament 8 jistabbilixxi r-regolamenti nazzjonali dwar ir-reġistrazzjoni tal-prodotti skond l-Artikolu 116 tar-Regolament (UE) 2019/6 mad-Direttur. Isemmi wkoll il-kondizzjonijiet tagħha. Prodotti rreġistrati skont l-Artikolu 116 huma

eżentati minn Awtorizzazzjoni għall-Kummerċjalizzazzjoni. Għalhekk, biex jiġu kontrobattuti kwalunkwe nuqqasijiet f'din ir-reġistrazzjoni inħolqu numru ta' salvagwardji bbażati fuq ir-rekwiżiti ta' Awtorizzazzjoni għall-Kummerċjalizzazzjoni propja. Dan jista' jiżgura s-sostenibbiltà ta' din ir-rotta ta' reġistrazzjoni użata ħafna.

Ir-regolament 9 jispeċifika li l-applikanti għandhom japplikaw għall-awtorizzazzjoni meta kirurgi veterinarji ikunu jridu jakkwistaw il-prodotti minn pajjiżi oħra. Ir-regolament isemmi ukoll il-kondizzjonijiet tagħha. Punt importanti huwa li meta kirurgi veterinarji jakkwistaw prodott mediċinali veterinarju permezz ta' din ir-rotta, dawn huma esklużi mill-obbligu legali ta' distribuzzjoni bl-ingrossa. Madankollu, xorta hemm obbligi oħra, eż. iż-żamma ta' rekords u l-ħruġ ta' riċetta veterinarja fil-każijiet kollha. Il-kirurgi veterinarji għandhom jinnutaw li applikazzjoni lid-Direttur għandha ssir biss meta jkunu jixtiequ jakkwistaw mediċina veterinarja (mhux mediċina għall-użu mill-bniedem) minn barra minn Malta. M'hemmx bżonn li jużaw xi formula ta' applikazzjoni jekk japplikaw il-kaskata għal prodotti li huma diġà disponibbli lokalment imma li mhux se jintuża skont it-termini tal-Awtorizzazzjoni għall-Kummerċjalizzazzjoni.

Ir-regolament 10 jispeċifika li l-applikanti għandhom japplikaw mad-Direttur biex jottjenu r-reġistrazzjoni ta' prodotti mediċinali veterinarji omeopatiċi skont l-Artikolu 86 tar-Regolament (UE) 2019/6. Il-kumpaniji għandhom jinnutaw li l-omeopatiċi 'regolari' xorta għandhom jiksbu Awtorizzazzjoni għall-Kummerċjalizzazzjoni. Ma tapplika l-ebda eżenzjoni għal dawn. Għalhekk, ir-regolamenti għar-rekwiżiti tal-Awtorizzazzjoni għall-Kummerċjalizzazzjoni (inkluż tal-ippakkjar/it-tikkettar) u l-manifattura (inkluż il-liċenzji tal-GMP u l-Awtorizzazzjoni tal-Manifattura) jibqgħu japplikaw.

Ir-regolament 11 jispeċifika li l-applikanti għandhom japplikaw mad-Direttur għar-reġistrazzjoni għal Kummerċ Parallel ta' prodotti mediċinali veterinarji skont l-Artikolu 102 tar-Regolament (UE) 2019/6. Il-kumpaniji għandhom jinnutaw li fis-settur veterinarju l-kelma teknika wżata hija 'Kummerċ Parallel' għall-kuntrarju ta' 'Importazzjoni Parallela' fis-settur tal-mediċini għall-bniedem. Fis-settur veterinarju l-Kummerċ Parallel huwa regolat permezz ta' Regolament (UE) 2019/6.

Ir-regolament 12 jispeċifika li l-applikanti għandhom japplikaw mad-Direttur għal Awtorizzazzjoni tal-Manifattura li hi skont l-Artikoli 88 u 89 tar-Regolament (UE) 2019/6. Isemmi ukoll l-kondizzjonijiet tiegħu. Jistipula wkoll li Awtorizzazzjoni għall-Manifattura ma għandhiex tkun meħtieġa għall-preparazzjoni, qsim, tibdil fl-ippakkjar jew preżentazzjoni fejn dawn il-proċessi jitwettqu biss għall-bejgħ bl-imnut direttament lill-pubbliku minn spiżjara fl-ispiżeriji veterinarji, jew minn persuni oħra legalment awtorizzati li jfornu prodotti mediċinali veterinarji lill-pubbliku, eż. kirurgi veterinarji (Artikolu 88(2) tar-Regolament (UE) 2019/6).

Ir-regolament 13 jiċċara r-rekwiżiti tal-Persuna Kwalifikata u żżid obbligi kruċjali. Dawn se jiffurmaw ukoll il-bażi tal-proċeduri amministrattivi (Artikolu 97(5) tar-Regolament (UE) 2019/6) li l-awtorità kompetenti se tagħmel fir-rigward tal-Persuna Kwalifikata. Il-pożizzjoni ta' Persuna Kwalifikata hija pożizzjoni maħtura legalment. Kull manifattur/importatur ta' prodott mediċinali veterinarju għandu jkollu ta' mill-inqas persuna waħda bħala Persuna Kwalifikata f'konformità mal-Artikolu 97(1) tar-Regolament 2019/6.

Ir-regolament 14 jipprovdi kopertura legali għal dawn in-negozjanti bl-ingrossa veterinarji awtorizzati li għandhom il-ħsieb li jġibu prodotti mediċinali veterinarji mingħajr ma jpoġġuhom fis-Suq tal-UE iżda jesportawhom mill-ġdid lejn pajjiżi Terzi, i.e fi transitu. F'dawn il-każijiet, jekk ma ssir l-ebda attività ta' manifattura fuqhom (inkluż it-tikkettar mill-ġdid) dawn jistgħu jiġu eżentati minn Awtorizzazzjoni għall-Kummerċjalizzazzjoni u l-applikant jista' jiġi eżentat milli jikseb Awtorizzazzjoni għall-Manifattura. L-attività se titqies biss bħala att ta' esportazzjoni li distributuri bl-ingrossa awtorizzati jistgħu jagħmlu. Ta' min jinnota li japplikaw ċerti kondizzjonijiet, eż. l-attività għandha titwettaq fil-port ħieles, f'żoni ta' kummerċ ħieles, jew fi mħażen tas-sisa tad-dwana. Kondizzjoni importanti ħafna hija li l-prodotti ma jinbidlu bl-ebda mod. It-tikkettar sempliċi huwa wkoll ikklassifikat bħala manifattura. Għalhekk jekk din l-attività titwettaq il-kunsinna tiġi skwalifikata minn din id-dispożizzjoni.

Ir-regolament 15 jistipula minn fejn għandha titwettaq il-forniment bl-imnut ta' prodotti mediċinali veterinarji. Il-bejgħ bl-imnut għandu jsir biss minn spiżeriji veterinarji, kliniċi/sptarijiet veterinarji liċenzjati jew l-stabbilimenti oħra (pet shops,

operaturi tan-negozju tal-għalf medikat, u ħwienet ta' prodotti ta' kura tal-annimali reġistrati). Il-forniment minn kirurgi veterinarji jista' isir waqt iż-żjajar professjonali li jagħmlu huma jew meta l-klijenti jżuruhom.

Ir-regolament 16 jistipula min jista' jiddispensja prodotti mediċinali veterinarji. F'dan ir-regolament hemm l-istandards li d-dispensur għandu jimxi magħhom meta jiddispensja; pereżempju, kirurgi veterinarji jistgħu jiddispensaw prodotti mediċinali veterinarji waqt viżiti ta' sejħa mill-persuna li ġġib l-annimal fl-istabbiliment veterinarju liċenzjat u matul viżiti ta' sejħa fuq barra tagħhom. Il-kwantitajiet għandhom ikunu dawk meħtieġa għat-trattament fejn dewmien fl-amministrazzjoni tal-prodott jista' jaffettwa ħażin is-saħħa u l-benesseri tal-annimal. Il-kirurgi veterinarji għandhom jinnutaw li din id-dispożizzjoni ma tippermettihomx li jonoraw ir-riċetta veterinarja ta' xulxin b'mod ta' rutina. Dan ma jfissirx li f'ċerti każijiet eċċezzjonali ma jistgħux jikkooperaw ma' xulxin biex jissodisfaw il-bżonnijiet tat-trattament tal-annimali taħt il-kura tagħhom. Meta kirurgi veterinarji jwettqu attività tal-bejgħ bl-imnut awtomatikament ikunu soġġetti għar-rekwiżiti tal-bejgħ bl-imnut, minkejja li l-istabbilimenti veterinarji mhumiex klassifikati bħala spiżeriji veterinarji. Għandu jiġi enfasizzat li r-rekwiżiti tal-bejgħ bl-imnut japplikaw għal kwalunkwe tip ta' bejgħ bl-imnut irrispettivament minn fejn isir, jiġifieri fi spiżerija veterinarja, pet shop jew kirurgu veterinarju minn stabbiliment veterinarju jew indipendenti minnu.

Ir-regolament 17 jistipula min jista' jippreskrivi prodott mediċinali veterinarju u joħroġ riċetti veterinarji f'Malta. Dawn jistgħu jkunu biss kirurgi veterinarji. F'dan ir-regolament hemm l-istandards li minn jippreskrivi għandu jimxi magħhom meta jippreskrivi; bħal pereżempju, jistipula liema hija l-unika riċetta veterinarja legalment valida f'Malta, kif għandu jiġi preskritt prodott mediċinali veterinarju, x'inhuma l-obbligi tal-kirurgi veterinarji f'dan ir-rigward. Dan ir-regolament jidħol fid-dettal ta' x'inhuma l-kondizzjonijiet għall-preskrizzjoni, eż. qabel ma jippreskrivi kirurgu veterinarju għandu jwettaq valutazzjoni klinika tal-annimal taħt il-kura tiegħu. Hemm ukoll obbligu għall-kirurgi veterinarji li jqisu fatturi relatati mar-reżistenza għall-antimikrobiċi.

Ir-regolament 18 jistipula l-mod kif il-prodotti mediċinali veterinarji għandhom jiġu preskritti u ddispensati. Xi prodotti mediċinali veterinarji jeħtieġu li jiġu preskritti fuq riċetta veterinarja biex jiġu ddispensati. Dawn huma kklassifikati bħala Mediċini bir-Riċetta (POM). Il-POMs imbagħad jiġu kklassifikati aktar skont jekk jistgħux jingħataw biss minn kirurgu veterinarju (POM-V) jew jingħataw kemm minn kirurgi veterinarji kif ukoll minn spiżjar (POM-VP). Prodotti mediċinali veterinarji oħrajn huma kkunsidrati bħala inqas riskjużi u jistgħu jinkisbu mingħajr riċetta veterinarja. Dawn huma kklassifikati bħala Mediċini mhux bir-Riċetta (OTC). Kemm OTCs kif ukoll POMs iridu jingħataw minn spiżerija veterinarja jew jinkisbu minn kirurgu veterinarju. Barra minn hekk, hemm kategorija ta' prodotti mediċinali veterinarji li huma meqjusa bħala l-inqas riskjużi minnhom kollha. Dawn il-prodotti mediċinali veterinarji huma kklassifikati fuq il-'Lista Ġenerali tal-Bejgħ' (GS). Dawn il-prodotti biss jistgħu jiġu ddispensati minn bini ieħor barra spiżeriji veterinarji, klinika/sptarijiet veterinarji u kirurgi veterinarji, eż. pet shops reġistrati, operaturi tan-negozju tal-għalf medikat u ħwienet ta' prodotti ta' kura tal-annimali reġistrati. Apparti spiżjara u kirurgi veterinarji, dawn jistgħu jiġu fornuti ukoll minn persuni mgħallma kif xieraq. Hija r-responsabbiltà tad-distributur bl-ingrossa li jiżgura li prodotti mediċinali veterinarji bil-kategorija xierqa biss jitqassmu f'kull tip ta' fond.

Ir-regolament 19 jipprovdi l-kopertura regolatorja għal attivitajiet relatati mar-riklamar li huma fil-prattika komuni f'Malta llum. Ingħatat attenzjoni għall-fatt li r-reklam jista' ikun qarrieqi u mhux ifformulat sew.

Ir-regolament 20 jispeċifika li l-applikanti għandhom japplikaw mad-Direttur għal din ir-reġistrazzjoni biex jinġiebu u jitqassmu bħala kampjuni ta' prodotti mediċinali veterinarji b' xejn. Rekwiżit importanti huwa li l-applikant għandu jkun detentur ta' awtorizzazzjoni għad-distribuzzjoni bl-ingrossa. Il-kumpaniji għandhom jinnutaw li huwa permezz ta' din id-dispożizzjoni li l-kampjuni huma reġistrati bħala tali. Il-kumpaniji ma jistgħux jiksbu prodotti mediċinali veterinarji u jikklassifikawhom bħala kampjuni huma stess. L-istatus ta' kampjun jista' jintlaħaq biss permezz ta' din ir-reġistrazzjoni.

Ir-regolament 21 għandu dispożizzjonijiet li jfittxu li jimminimizzaw kwalunkwe pressjoni żejda li l-kumpaniji jistgħu jeżerċitaw fuq min jippreskrivi u jforni l-prodotti mediċinali veterinarji. Hu meqjus bħala regolament importanti fir-rigward tat-tnaqqis tal-użu ħażin, l-abbuż u l-użu żejjed tal-antimikrobiċi. Jirregola r-relazzjoni bejn il-kumpaniji farmaċewtiċi u l-persuni professjonali.

Ir-regolamenti 22 - 28 jipprovdu kopertura komprensiva u koeżiva dwar proċeduri ta' infurzar, spezzjoni, superviżjoni u sejħa lura li n-negozjanti bl-ingrossa għandhom ikollhom fis-seħħ.

Dan is-sett ta' regolamenti jispeċifikaw li l-applikanti għandhom japplikaw għal awtorizzazzjoni għad-distribuzzjoni bl-ingrossa u jsemmi l-kondizzjonijiet għal din l-awtorizzazzjoni. Jiddettaljaw ukoll kif dan jista' jiġi mġedded, sospiż jew saħansitra revokat. Kull proċedura hija deskritta fid-dettall. L-ipproċessar ta' applikazzjoni ma għandux jaqbeż id-disgħin (90) jum li jibdew mid-data li fiha tasal l-applikazzjoni. Il-Persuna Responsabbli trid tkun spiżjar li għandha għadd ta' responsabbiltajiet (eż. dettall tal-kuntatt ta' 24 siegħa/7 ijiem, tipprovdi dettalji dwar data tal-bejgħ). Ir-regolamenti jispeċifikaw kif id-distributor bl-ingrossa jrid ikollu indirizz permanenti f'Malta u li d-Distributur għandu jikkonforma mal-prattika ta' distribuzzjoni tajba. Il-fond ma għandux ikun interkonness ma' xi fond ieħor li jintuża għal attivitajiet kummerċjali oħra jew għall-abitazzjoni (japplikaw eċċezzjonijiet), u li d-Distributur għandu jipprovdi lid-Direttur bl-'Ittra ta' aċċess' mid-detentur tal-Awtorizzazzjoni għall-Kummerċjalizzazzjoni li tagħtih l-użu ta' tali awtorizzazzjoni għall-Kummerċjalizzazzjoni jekk dan jintalab jagħmel hekk mid-Direttur.

Ir-regolament 29 jispeċifika kif applikanti għandhom jirreġistaw għas-senserija ta' prodotti mediċinali veterinarji mad-Direttur. Spezzjoni biex tingħata r-reġistrazzjoni tista' issir jew ma ssirx skont deċiżjoni tad-Direttur . Hemm ukoll dettalji kif ir-reġistrazzjoni tas-sensar tista' tiġi mġeddeda, sospiża jew saħansitra revokata. Is-sensar ma għandu bl-ebda mod ikun involut fid-distribuzzjoni jew il-ħażna tal-prodotti. Jekk f'xi punt jinvolvi ruħu direttament f'dawn l-attivitajiet ma jibqax sensar u jsir distributur bl-ingrossa. F'dan il-każ jeħtieġ li jkun kopert minn awtorizzazzjoni għad-distribuzzjoni bl-ingrossa.

Ir-regolamenti 30-31 jistabbilixxu l-bażi legali nazzjonali tar-riċetta veterinarja. Għar-riċetta veterinarja elettronika japplikaw l-istess rekwiżiti bħal dik stampata. Ir-regolamenti jispjegaw il-proċedura li trid tiġi segwita f'każ ta' ħruġ mhux komplut tar-riċetta u jistabilixxu kif ir-riċetta veterinarja elettronika (kemm fuq karta u dik elettronika) għandha tiġi stabbilita mid-Direttur u wżata mill-persuni awtorizzati biex jippreskrivu u jiddispensaw. Il-proċedura li għandha tiġi segwita f'sitwazzjonijiet urġenti meta ma jkunx possibbli li tinħareġ riċetta immedjatament jew li tinbidel, inkluż meta struzzjonijiet verbali huma aċċettabbli hija spjegata. Jagħmluha illegali għal kwalunkwe persuna li mhijiex kirurgu veterinarju li toħroġ riċetta veterinarja. Il-validità ta' riċetta veterinarja hija prevista wkoll.

Ir-regolament 32 huwa fuq is-somministrazzjoni ta' prodotti mediċinali veterinarji, kif ukoll sustanzi oħra, għall-annimali. Ir-regolament jipprovdi kopertura legali għal sitwazzjonijiet urġenti meta mediċina veterinarja li għandha tiġi preskritta u/jew somministrata biss minn kirurgu veterinarju ma tistax tiġi somministrata jew mogħtija mill-kirurgu veterinarju. Hemm ukoll dispożizzjonijiet ġodda għall-użu aktar strett ta' antimikrobiċi speċjalment dawk li huma kklassifikati bħala antimikrobiċi ta' importanza kritika. Kull stabbiliment reġistrat jew liċenzjat fejn jinżammu annimali li jipproduċu l-ikel u mhumiex eskluż mid-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) 2017/625 u l-istabbilimenti fejn jinżammu l-annimali għall-wiri lill-pubbliku jew għal għanijiet ta' tnissil għandhom ikollhom programm xieraq ta' kontroll tas-saħħa tal-annimali ddisinjat u implimentat taħt ir-responsabbiltà ta' professjonist reġistrat mal-Kunsill tal-Kirurgi Veterinarji. Id-Direttur għandu jżomm reġistru tal-professjonisti responsabbli għal kull programm ta' kontroll tas-saħħa tal-annimali u jippubblika ukoll linji gwida dwar il-programmi mistennija għas-Saħħa tal-Annimali. Ir-rekwiżiti jistgħu jiġu ppubblikati wkoll fil-Gazzetta tal-Gvern.

Ir-regolament 33 jispeċifika r-rekwiżit għad-detentur ta' awtorizzazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni biex jindirizza l-ilmenti (eż. difett fil-prodott) li jkun irċieva b'mod effettiv u trasparenti. Jitkellem ukoll dwar il-konsegwenzi ta' investigazzjoni bħal din (eż. ġbir lura) u r-rekords li għandhom jinżammu. Dan ir-regolament jiżgura li kwalunkwe difett tal-prodott li jkollu impatt fuq il-kwalità tal-prodotti jiġi ttrattat b'mod effettiv.

Ir-regolament 34 jirreferi għal linji gwida għar-rimi ta' skart ta' prodotti mediċinali veterinarji li għandhom jinħarġu mid-Direttur.

Ir-regolament 35 jagħti l-awtorità legali lid-Direttur biex ikun jista' jidħol fil-fond fejn isiru l-attivitajiet tal-partijiet kollha li huma regolati minn Regolament (UE) 2019/6 u minn dawn ir-regolamenti fi kwalunkwe ħin raġonevoli. Jobbliga lil dawn il-partijiet biex jipprovdu dokumenti, installazzjonijiet u kwalunkwe tagħmir meħtieġ għall-ispezzjoni.

Ir-regolament 36 jippreskrivi l-multi u perjodi ta' priġunerija għall-ksur tal-obbligi msemmija f'dawn ir-regolamenti u fir-Regolament (UE) 2019/6. Ta' min jinnota li għalkemm il-multi huma mposti fuq kundanna, is-sospensjoni ta' kwalunkwe liċenzja/awtorizzazzjoni tista' sseħħ anke waqt investigazzjoni.

Ir-regolament 37 jipprovdi li deċiżjonijiet tad-Direttur skont dawn ir-regolamenti għandhom ikunu soġġetti għad-dritt ta' appell quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva. Appell għandu jsir fi żmien għoxrin (20) ġurnata min-notifika tad-deċiżjoni tad-Direttur.

5. Sezzjoni Konklużiva

Ir-regolamenti huma għodda effettiva biex jipprovdu salvagwardji akbar għas-saħħa tal-annimali u dik pubblika filwaqt li joħolqu kondizzjonijiet ugwali għall-partijiet kollha, u ma jintroduċix piżijiet burokratiċi bla bżonn fuq il-partijiet kkonċernati interessati.

Id-dispożizzjonijiet kollha tar-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ xahrejn mid-data tal-pubblikazzjoni, ħlief għar-regolament 17(2) li għandu jidħol fis-seħħ sentejn (2) wara d-data tal-pubblikazzjoni ta' dawn ir-regolamenti.

N.B: Dawn in-Noti ta' Spjegazzjoni mhumiex maħsuba biex ikunu deskrizzjoni eżawrjenti tal-istrument legali u lanqas bħala sostitut tiegħu jew suppliment leġislattiv għalih. Dawn in-Noti mhumiex intiżi bħala deċiżjoni awtoritattiva fuq l-interpretazzjoni tal-leġiżlazzjoni.

L-10 ta' Diċembru, 2024

Linji Gwida

1. Introduzzjoni

Titolu tal-avviż legali	Regolamenti tal-2024 dwar Prodotti Mediċinali Veterinarji minn hawn 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti"
Attività li trid tiġi regolata	It-tisħiħ tar-regolamentazzjoni u l-kontroll tal-bejgħ bl-imnut, ir-riċerka, il-forniment, id-distribuzzjoni, id-dispensar, il-preskrizzjoni, il-manifattura, ġbir tad-data u l-użu ta' prodotti mediċinali veterinarji u sustanzi attivi
Entità responsabbli	Direttorat għar-Regolazzjoni Veterinarja fi ħdan id-Dipartiment għas-Saħħa u t-Trattament Xieraq tal-Annimali

2. Għanijiet u Objettivi tal-leġiżlazzjoni

Ir-regolamenti għandhom l-għan li jissupplimentaw u jagħtu effett sħiħ lir-Regolament (UE) 2019/6 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar prodotti mediċinali veterinarji u li jħassar id-Direttiva 2001/82/KE (minn hawn 'il-quddiem imsejjaħ "Regolament (UE) 2019/6"). Jirregolaw ukoll kwistjonijiet oħra li jaqgħu taħt is-suġġett kif previst fir-Regolament (UE) 2019/6.

Minbarra li jagħtu effett sħiħ u jippermettu l-implimentazzjoni effettiva tar-Regolament (UE) 2019/6, ir-regolamenti fihom għadd ta' dispożizzjonijiet nazzjonali li huma essenzjali għall-ġestjoni tal-ambjent regolatorju li ħarġu fl-aħħar ftit snin.. Il-ħtieġa ta' kontroll aħjar tal-prodotti mediċinali veterinarji, b'mod partikolari dwar dak li jirrigwarda t-theddid emerġenti tar-reżistenza antimikrobika, u l-perikli tat-tqegħid fis-suq ta' mediċini ineffettivi kienu l-fatturi ewlenin għal dawn id-dispożizzjonijiet legali ġodda. Barra minn hekk, kemm l-istandards tal-kura tal-annimali u l-aspettattivi mill-pubbliku żdiedu b'mod sinifikanti f'dawn l-aħħar snin. Għalhekk, kwalunkwe leġiżlazzjoni ġdida trid tissodisfa wkoll dawn l-aspettattivi.

3. Kummentarju fuq partijiet u artikoli

Ir-regolamenti huma magħmula minn disgħa u tletin (39) regolament li huma dawn:

1. Titolu, għan, applikabbiltà, u bidu fis-seħħ.
2. Tifsir.
3. Lingwi.
4. Fuljett ta' Tagħrif.
5. Eżenzjonijiet minn awtorizzazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni.
6. Awtorizzazzjoni għal finijiet ta' riċerka u żvilupp.
7. Prodotti mediċinali veterinarji miksuba għall-użu personali.
8. Reġistrazzjoni skont l-Artikolu 116 tar-Regolament (UE) 2019/6.
9. Użu kaskata ta' prodotti mediċinali veterinarji.
10. Reġistrazzjoni ta' prodotti mediċinali veterinarji omeopatiċi.
11. Kummerċ parallel.
12. Manifattura ta' prodotti mediċinali veterinarji u sustanzi attivi.
13. Persuna kwalifikata.
14. Prodotti li huma fi tranżitu.
15. Forniment bl-imnut ta' prodotti mediċinali veterinarji.
16. Dispensar.
17. Preskrizzjoni.
18. Kategoriji ta' distribuzzjoni ta' prodott mediċinali veterinarju.
19. Reklamar.
20. Kampjuni jew pakketti ta' dimostrazzjoni.
21. Promozzjoni.
22. Distribuzzjoni bl-ingrossa u senserija ta' prodotti mediċinali veterinarji.
23. Applikazzjoni għal awtorizzazzjoni ta' distribuzzjoni bl-ingrossa.
24. Għoti ta' awtorizzazzjoni ta' distribuzzjoni bl-ingrossa.
25. Obbligi tad-distributur bl-ingrossa ta' prodotti mediċinali veterinarji.
26. Tiġdid, validazzjoni, sospensjoni jew revoka ta' awtorizzazzjoni ta' distribuzzjoni bl-ingrossa.
27. Id-dmirijiet tal-persuna responsabbli.
28. Prodotti mediċinali oħra.
29. Senserija ta' prodotti medicinali veterinarji.
30. Riċetta veterinarja.
31. Riċetta veterinarja stabbilita mid-Direttur.
32. Somministrazzjoni ta' prodotti mediċinali veterinarji u prodotti mediċinali lill-annimali.
33. Ilmenti riċevuti mid-detentur tal-awtorizzazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni.
34. Rimi sikur tal-prodotti mediċinali veterinarji.
35. Aċċess mid-Direttur.
36. Reati, pieni u penalitajiet amministrattivi.
37. Dritt ta' appell.
38. Tħassir u riżerva.
39. Emenda konsegwenzjali.

4. Kummentarju fuq ir-regoli

Ir-regolament 2 jipprovdi tifsiriet għal termini li jinsabu fir-regolamenti. Ta' min jinnota li t-tifsiriet li diġà huma preżenti fl-Att dwar is-Servizzi Veterinarji (Kapitolu 437 tal-Liġijiet ta' Malta) għandhom japplikaw meta kliem u frażijiet użati fir-regolamenti mhumiex imfissra, u li meta kliem u frażijiet użati mhumiex imfissra fir-regolamenti u fl-Att, it-tifsiriet fir-Regolament (UE) 2019/6 għandhom japplikaw.

Ir-regolament 3 jispeċifika kif id-Direttur jista' jiddeċiedi liema lingwi tal-pakketti huma aċċettabbli biex jiġu kkummerċjalizzati f'Malta, skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) 2019/6.

Ir-regolament 4 jispeċifika l-aċċettabbiltà ta' fuljetti ta' tagħrif ta' pakketti elettroniċi skont l-Artikolu 14(3) tar-Regolament (UE) 2019/6.

SM EN 61786-1:2014/A1:2024	SM EN IEC 60335-2-36:2024	SM EN IEC 60601-2-46:2024	SM EN 12163:2024
SM EN ISO 24212:2024	SM EN 13172:2024	SM EN ISO 17174:2024	SM EN 17724:2024
SM EN ISO 20182:2024	SM EN 16709:2024	SM EN 17714:2024	SM EN 50617-2:2024
SM EN ISO 25649-7:2024	SM EN ISO 34101-1:2020/A1:2024	SM EN IEC 60308:2024	SM EN ISO 636:2024
SM EN 17928-3:2024			

AWTORITÀ MALTIJA GĦALL-KOMPETIZZJONI U L-AFFARIJIET TAL-KONSUMATUR

Bis-saħħa tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 22 tal-Att dwar l-Awtorità Maltija għall-Kompetizzjoni u l-Affarijiet tal-Konsumatur (Kap. 510), l-Awtorità Maltija għall-Kompetizzjoni u l-Affarijiet tal-Konsumatur (MCCAA) addottat l-Istandards Ewropej, imħejjija taħt l-awspiċji tal-Istitut Ewropew għal Standards fit-Telekomunikazzjonijiet (ETSI), bħala Standards Nazzjonali Maltin. Għalhekk, barra li huma standards Ewropej, l-MCCAA approvat u aċċettat dawn l-iStandards li issa għandhom status ta' standards Nazzjonali mid-data ta' din il-pubblikazzjoni uffiċjali tal-Gvern.

Dettalji ta' dawn l-istandards jistgħu jinkisbu minn:

(standards@mccaa.org.mt)

Dawn l-i*standards* jistgħu jinkisbu mingħand l-Awtorità Maltija għall-Kompetizzjoni u l-Affarijiet tal-Konsumatur, Triq Nazzjonali, Blata l-Bajda, Ħamrun, Malta.

Tel: (+356) 2395 2000, Fax: (+356) 2124 2406, *Website*: (http://www.mccaa.org.mt).

L-10 ta' Diċembru, 2024

MALTA COMPETITION AND CONSUMER AFFAIRS AUTHORITY

In exercise of the powers conferred by article 22 of the Malta Competition and Consumer Affairs Authority Act (Kap. 510), the Malta Competition and Consumer Affairs Authority (MCCAA) has adopted the following European Standards, prepared under the auspices of the European Telecommunications Standards Institute (ETSI), as Maltese National Standards. Therefore, in addition to being European, the MCCAA has approved and endorsed these Standards which now have the status of National Standards as from the date of this Government official publication.

Details of these standards can be obtained from:

(standards@mccaa.org.mt)

These standards are available from the Malta Competition and Consumer Affairs Authority, Triq Nazzjonali, Blata l-Bajda, Ħamrun, Malta.

Tel: (+356) 2395 2000, Fax: (+356) 2124 2406, Website: (http://www.mccaa.org.mt).

10th December, 2024

National Standard	**National Standard**	**National Standard**	**National Standard**
SM EN 301 893:2024 Version 2.2.1	SM EN 301 908-25:2024 Version 15.1.1	SM EN 301 489-17:2024 Version 3.3.1	SM EN 300 132-2:2024 Version 2.8.1
SM EN 301 489-28:2024 Version 2.1.1	SM EN 300 019-2-7:2024 Version 3.1.1	SM EN 301 489-52:2024 Version 1.3.1	SM EN 303 645:2024 Version 3.1.3
SM EN 302 064:2024 Version 2.2.1	SM EN 303 760:2024 Version 1.1.1	SM EN 301 908-13:2024 Version 13.3.1	SM EN 319 412-4:2024 Version 1.3.2

KAMRA TAD-DEPUTATI

Parlament ta' Malta

Avviż ta' Direct Order

Skont ir-Regolament 111 (2) tar-Regolamenti dwar ix-Xiri Pubbliku L.N. 352 tal-2016.

'Support and Maintenance Services Agreement for Parliamentary Telephony Solution at the House of Representatives, Parliament of Malta, with ICT Solutions Ltd, Malta covering period from 1st January, 2025 to 31st December, 2025.'

Nhar il-Ħamis, 28 ta' Novembru, 2024, il-Ministeru għall-Finanzi approva talba tal-Kamra tad-Deputati, Parlament ta' Malta, sabiex tidħol f'arranġament kuntrattwali dwar 'renewal of the Support and Maintenance Services Agreement for Parliamentary Telephony Solution at the House of Representatives, Parliament of Malta', ma' ICT Solutions Ltd, 1, Triq il-Birrerija, l-Imrieħel BKR 3000, mill-1 ta' Jannar, 2025 sal-31 ta' Diċembru, 2025 bi spiża ta' €16,335.00, VAT eskluża.

L-10 ta' Diċembru, 2024

KUNSILL LOKALI L-GĦARB

Sospensjoni ta' Traffiku

Il-Kunsill Lokali l-Għarb jgħarraf illi Triq il-Knisja minn kantuniera ta' Triq il-Viżitazzjoni fid-direzzjoni ta' Pjazza taż-Żjara tal-Madonna u Pjazza taż-Żjara tal-Madonna se jkunu magħluqa għat-traffiku mill-Ġimgħa, 13 ta' Diċembru, 2024 sal-Ħadd, 29 ta' Diċembru, 2024 kif imsemmi fl-iskeda t'hawn taħt.

Btala Pubblika: Mill-11.00 a.m. sas-7.00 p.m.
Mit-Tnejn sal-Ġimgħa (ġranet normali) mis-6.00 p.m. sal-10.00 p.m.
Nhar ta' Sibt: Mill-11.00 a.m. sal-10.00 p.m.
Nhar ta' Ħadd: Mill-11.00 a.m. sas-7.00 p.m.
Nhar it-Tlieta, 24 ta' Diċembru, 2024 mill-10.00 a.m. sas-2.00 p.m.
Nhar it-Tlieta, 31 ta' Diċembru, 2024 mill-10.00 a.m. sas-2.00 p.m.
Nhar l-Erbgħa, 25 ta' Diċembru, 2024: Miftuħ għat-traffiku
Nhar l-Erbgħa, 1 ta' Jannar, 2025: Miftuħ għat-traffiku

L-10 ta' Diċembru, 2024

CENTRAL PROCUREMENT U SUPPLIES UNIT

Is-CEO (Sourcing and Supply Chain Management) għas-Central Procurement and Supplies Unit (CPSU), Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva, jgħarraf illi:

THE HOUSE OF REPRESENTATIVES

Parliament of Malta

Notice of Direct Order

In terms of Regulation 111 (2) of the Public Procurement Regulations L.N. 352 of 2016.

Support and Maintenance Services Agreement for Parliamentary Telephony Solution at the House of Representatives, Parliament of Malta, with ICT Solutions Ltd, Malta covering period from 1st January, 2025 to 31st December, 2025.

On Thursday, 28th November, 2024, the Ministry for Finance approved a request from the House of Representatives, Parliament of Malta, to enter into contractual arrangement relative to the renewal of the Support and Maintenance Services Agreement for Parliamentary Telephony Solution at the House of Representatives, Parliament of Malta, with ICT Solutions Ltd, 1, Triq il-Birrerija, Mrieħel BKR 3000, from 1st January, 2025 to 31st December, 2025 for the sum of €16,335.00, excluding VAT.

10th December, 2024

GĦARB LOCAL COUNCIL

Suspension of Traffic

The Għarb Local Council notifies that Triq il-Knisja corner with Triq il-Viżitazzjoni in the direction of Pjazza taż-Żjara tal-Madonna and Pjazza taż-Żjara tal-Madonna will be closed to traffic from Friday, 13th December, 2024 to Sunday, 29th December, 2024 as per schedule below.

Public holidays: From 11.00 a.m. to 7.00 p.m.
Monday to Friday (normal days): From 6.00 p.m. to 10.00 p.m.
Saturdays: From 11.00 a.m. to 10.00 p.m.
Sundays: From 11.00 a.m. to 7.00 p.m.
On Tuesday, 24th December, 2024 from 10.00 a.m. to 2.00 p.m.
On Tuesday, 31st December, 2024 from 10.00 a.m. to 2.00 p.m.
On Wednesday, 25th December, 2024: Open for traffic
On Wednesday, 1st January, 2025: Open for traffic

10th December, 2024

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

The CEO (Sourcing and Supply Chain Management) for the Central Procurement and Supplies Unit (CPSU), Ministry for Health and Active Ageing, notifies that:

Jintlaqgħu offerti elettroniċi rigward l-avviżi li ġejjin sad-9.30 a.m. tal-Ħamis, 9 ta' Jannar, 2025. L-offerti għandhom jintbagħtu BISS online fuq (www.etenders.gov.mt) għal:

CFT 019-4262/24. Provvediment ta' 'Courier Service for Haematology samples sent abroad'

CFT 021-4263/24. Proviżjoni ta' 'Fluoxetine 20mg/5mL Oral Solution'

CFT 021-4264/24. Proviżjoni ta' 'potassium chloride oral liquid'

CFT 021-4265/24. Proviżjoni ta' 'Multivitamin supplement (Water-soluble vitamins) for use in intravenous nutrition'

CFT 021-4266/24. Proviżjoni ta' 'Amino acid-Based Formula'

CFT 014-4267/24. Proviżjoni, konsenja u kkummissjunar ta' 'Lensmeter Biometry for the Ophthalmic Department' fl-Isptar Ġenerali ta' Għawdex

CFT 021-4268/24. Proviżjoni ta' 'Ephedrine Hydrochloride/Sulfate 30mg/mL Solution for Injection'

CFT 021-4269/24. Proviżjoni ta' 'Isotope Kit: Sestamibi'

CFT 021-4270/24. Proviżjoni ta' 'Indocyanine Green Powder for Solution for Injection'

CFT 021-4271/24. Proviżjoni ta' 'Acetazolamide 500mg Injections'

CFT 020-4272/24. Proviżjoni ta' 'Alcoholic Wipes'

CFT 021-4273/24. Proviżjoni ta' 'Nimodipine 10mg injection'

CFT 021-4274/24. Proviżjoni ta' 'Glucose Powder – e.g. Maxijul® or equivalent'

Id-dokumenti tal-offerta huma mingħajr ħlas.

Id-dokumenti tal-offerti jinkisbu biss mill-Electronic Public Procurement System (www.etenders.gov.mt). Ir-reġistrazzjoni hija meħtieġa sabiex ikun jista' jintuża s-sit elettroniku. Operaturi ekonomiċi Maltin għandu jkollhom l-eID tal-organizzazzjoni tagħhom sabiex ikunu jistgħu jidħlu f'dan is-sit elettroniku. Aktar tagħrif jinkiseb mis-sezzjoni tal-FAQs tal-istess sit.

Il-pubbliku jista' jattendi waqt il-ftuħ u l-iskedar tal-offerti fil-ħinijiet u d-dati msemmija hawn fuq.

L-10 ta' Diċembru, 2024

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

Is-CEO (Sourcing and Supply Chain Management) għas-Central Procurement and Supplies Unit (CPSU), Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva, jgħarraf illi s-sottomissjonijiet tal-ERU Competitive Calls imniżżla hawn taħt għandhom jintlaqgħu sal-10.00 a.m. tal-Erbgħa, 11 ta' Diċembru, 2024.

ERU0512U24 – Medicinal

Electronic tenders in respect of the following notices will be received till 9.30 a.m. of Thursday, 9th January, 2025. Tenders are to be submitted ONLY online on (www.etenders.gov.mt) for the:

CFT 019-4262/24. Provision of Courier Service for Haematology samples sent abroad

CFT 021-4263/24. Supply of Fluoxetine 20mg/5mL Oral Solution

CFT 021-4264/24. Supply of potassium chloride oral liquid

CFT 021-4265/24. Supply of Multivitamin supplement (Water-soluble vitamins) for use in intravenous nutrition

CFT 021-4266/24. Supply of Amino acid-Based Formula

CFT 014-4267/24. Supply, Delivery and Commissioning of Lensmeter Biometry for the Ophthalmic Department at the Gozo General Hopsital

CFT 021-4268/24. Supply of Ephedrine Hydrochloride/Sulfate 30mg/mL Solution for Injection

CFT 021-4269/24. Supply of Isotope Kit: Sestamibi

CFT 021-4270/24. Supply of Indocyanine Green Powder for Solution for Injection

CFT 021-4271/24. Supply of Acetazolamide 500mg Injections

CFT 020-4272/24. Supply of Alcoholic Wipes

CFT 021-4273/24. Supply of Nimodipine 10mg injection

CFT 021-4274/24. Supply of Glucose Powder – e.g. Maxijul® or equivalent

These tender documents are free of charge.

Tender documents are only obtainable from the Electronic Public Procurement System (www.etenders. gov.mt). Registration is required in order to make use of this website. Maltese economic operators need to be in possession of their organisation eID in order to access this website. More information is available from the FAQ section of the same website.

The public may attend during the opening and scheduling of tenders at the times and dates specified above.

10th December, 2024

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

The CEO (Sourcing and Supply Chain Management) for the Central Procurement and Supplies Unit within the Ministry for Health and Active Ageing, notifies that submissions for the below listed ERU Competitive Calls will be received up to 10.00 a.m. on Wednesday, 11th December, 2024.

ERU0512U24 – Medicinal

ERU0512U24 – Devices
ERU0512U24A – Medicinal
ERU0512U24B – Medicinal
ERU0512U24C – Medicinal
ERU0512U24D – Medicinal

Sejħiet kompetittivi tal-Emergency Response Unit (ERU) jistgħu jitniżżlu mis-sit elettroniku tas-CPSU.

Sottomissjonijiet għal din is-sejħa għal kompetizzjoni għandhom jiġu sottomessi skont l-istruzzjonijiet mogħtija fid-dossier.

L-10 ta' Diċembru, 2024

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

Is-CEO (Sourcing and Supply Chain Management) għas-Central Procurement and Supplies Unit (CPSU), Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva, jgħarraf illi s-sottomissjonijiet tal-ERU Competitive Calls imniżżla hawn taħt għandhom jintlaqgħu sal-10.00 a.m. tal-Ħamis, 12 ta' Diċembru, 2024.

ERU0612U24 – Devices
ERU0612U24 – Medicinal
ERU0612U24A – Medicinal
ERU0612U24B – Medicinal
ERU0612U24C – Medicinal
ERU0612U24D – Medicinal
ERU0612U24E – Medicinal
ERU0612U24F – Medicinal
ERU0612U24G – Medicinal
ERU0612U24H – Medicinal
ERU0612U24I – Medicinal

Sejħiet kompetittivi tal-Emergency Response Unit (ERU) jistgħu jitniżżlu mis-sit elettroniku tas-CPSU.

Sottomissjonijiet għal din is-sejħa għal kompetizzjoni għandhom jiġu sottomessi skont l-istruzzjonijiet mogħtija fid-dossier.

L-10 ta' Diċembru, 2024

KUNSILL LOKALI SANTA VENERA

Il-Kunsill Lokali Santa Venera jgħarraf li:

Offerti se jintlaqgħu mill-Kunsill Lokali Santa Venera permezz tal-ePPS sal-10.00 a.m. ta' nhar it-Tlieta, 14 ta' Jannar, 2025, għal:

Avviż Nru. SVT/LC/T/03/2024. Provvista, konsenja u kkummissjonar ta' vann ġdid mingħajr emissjonijiet u tal-elettriku għall-Kunsill Lokali Santa Venera.

ERU0512U24 – Devices
ERU0512U24A – Medicinal
ERU0512U24B – Medicinal
ERU0512U24C – Medicinal
ERU0512U24D – Medicinal

Emergency Response Unit (ERU) Competitive Calls can be downloaded from the CPSU website.

Submissions for this call for competition are to be submitted as per instructions given in the dossier.

10th December, 2024

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

The CEO (Sourcing and Supply Chain Management) for the Central Procurement and Supplies Unit within the Ministry for Health and Active Ageing, notifies that submissions for the below listed ERU Competitive Calls will be received up to 10.00 a.m. on Thursday, 12th December, 2024.

ERU0612U24 – Devices
ERU0612U24 – Medicinal
ERU0612U24A – Medicinal
ERU0612U24B – Medicinal
ERU0612U24C – Medicinal
ERU0612U24D – Medicinal
ERU0612U24E – Medicinal
ERU0612U24F – Medicinal
ERU0612U24G – Medicinal
ERU0612U24H – Medicinal
ERU0612U24I – Medicinal

Emergency Response Unit (ERU) Competitive Calls can be downloaded from the CPSU website.

Submissions for this call for competition are to be submitted as per instructions given in the dossier.

10th December, 2024

SANTA VENERA LOCAL COUNCIL

The Santa Venera Local Council notifies that:

Tenders will be received at the Santa Venera Local Council through ePPS, up to 10.00 a.m. on Tuesday, 14th January, 2025 for:

Advt. No. SVT/LC/T/03/2024. Supply, delivery and commissioning of brand-new fully electric zero emission van for the Santa Venera Local Council.

Id-dokumenti tal-offerta huma bla ħlas u jiġu miksuba/imniżżla u milqugħa BISS minn fuq is-sit elettroniku (www.etenders.gov.mt).

Kull kjarifika jew addenda lid-dokument jittellgħu fuq is-sit elettroniku u wieħed jista' jarahom jew iniżżilhom mill-istess sit.

Il-Kunsill Lokali jżomm id-dritt li jirrifjuta kull offerta, anke l-aktar waħda vantaġġjuża.

L-10 ta' Diċembru, 2024

Tender documents are free of charge and are to be viewed/downloaded and submitted ONLY through the e-tenders website (www.etenders.gov.mt).

Any clarifications or addenda to the tender document will be uploaded and available to view and download from this same website.

The Local Council reserves the right to refuse any offer, even the most advantageous.

10th December, 2024

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

2883

Permezz ta' digriet mogħti fit-13 ta' Novembru, 2024, mill-Bord li jirregola l-kera fl-atti tar-rikors fl-ismijiet Andrew Baldacchino vs Joseph Gatt Rikors Nru 361/2024JG, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat Joseph Gatt a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Permezz ta' rikors fl-ismijiet Andrew Baldacchino (KI 541679M) vs Joseph Gatt (KI 424369M) ppreżentat fil-Bord li jirregola l-kera, fit-12 ta' Awwissu, 2024, ir-rikorrenti Anthony Baldacchino talab lil dan l-Onorabbli Bord sabiex:

1. Jaqta' u jiddeciedi l-kawza ai termini tal-Art 16A tal-Kap 69 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Jiddikjara illi l-kirja tal-ħanut fl-indirizz 2, Triq Sant'Andrija, Ħal Luqa m'għandiex tiġġedded għar-raġunijiet esposti;

3. Jordna għar-ragunijiet premessi lill-intimat sabiex jivvaka mill-fond fl-indirizz 2, Triq Sant'Andrija, Ħal Luqa u jiffissa zmien qasir u perentorju li fih l-intimat għandu jiżgombra mill-istess fond ineħħi dak kollu li hu ħwejġu u jagħti lura l-pussess battal u sħiħ tal-istess fond lir-rikorrenti;

4. Jikkundanna lill-intimat iħallas lir-rikorrenti s-somma globali dovuta ta' €6,983.64 oltre l-imgħaxijiet legali;

5. Jawtorizza lir-rikorrenti sabiex jieħu lura l-pussess ta' dan il-fond.

Salv kull provvediment ulterjuri li dan l-Onorabbli Bord jidhirlu li huwa xieraq u opportun fiċ-ċirkostanzi.

Bl-ispejjeż, inkluz dawk tal-ittra interpellatorja, tal-ittra uffiċjali bin-numru 2884/2024 u tal-mandat ta' sekwestru ppreżentat kontestwalment u bl-imgħax legali mid-data ta'

By means of a decree of the 13th November, 2024, of the Rent Regulation Board, in the records of the application in the names Andrew Baldachino vs Joseph Gatt, Application Number 361/2024JG, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Joseph Gatt in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

By means of an application in the names Andrew Baldacchino (ID 541679M) vs Joseph Gatt (ID 424369M) filed before the Rent Regulation Board, on the 12th August, 2024, the applicant Andrew Baldacchino requested this Honourable Board to:

1. Decide the cause in terms of Art 16A of Cap 69 of the Laws of Malta;

2. Declare that the lease of the shop at address 2, Triq Sant'Andrija, Ħal Luqa should not be renewed for the reasons exposed;

3. Order for the reasons premised the respondent to vacate from the premises at address 2, Triq Sant'Andrija, Ħal Luqa and fix a short and peremptory period within which the respondent is to vacate from the same premises to remove all his belongings and give back the vacant and full possession of the same premises to the applicant;

4. Condemn the respondent to pay the applicant the global sum due of €6,983.64 besides legal interest;

5. Authorise the applicant to take back possession of this premises.

Saving any further provision that this Honourable Board deems fit and opportune in the circumstances.

With costs, including those of the legal letter, of the judicial letter with number 2884/2024 and of the garnishee

kull skadenza sal-pagament effettiv, kontra l-intimat li huwa minn issa nġunt in subizzjoni u b'riserva għal kull azzjoni legali ulterjuri neċessarja u opportuna.

Rikorrenti: 11, Triq is-Swejda, Marsascala.

Intimat: Sunny Lodge, Flat 2, Triq il-Maqdes Megalitiku, San Pawl il-Baħar.

Ir-rikors fl-ismijiet Andrew Baldacchino vs Joseph Gatt, rikors numru 361/2024JG jinsab differit għas-17 ta' Jannar, 2025 fis-1.30p.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 6 ta' Diċembru, 2024.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

order filed at the same time and with legal interest from the date of each instalment till the effective payment, against the respondent who is from now summoned so that a reference to his oath be made and saving any necessary and opportune further legal action.

Applicants: 11, Triq is-Swejda, Marsascala.

Respondent: Sunny Lodge, Flat 2, Triq il-Maqdes Megalitiku, San Pawl il-Baħar.

The application in the names Andrew Baldacchino vs Joseph Gatt, Application Number 361/2024JG has been postponed for hearing to the 17th January, 2025, at 1.30p.m.

Registry of the Superior Courts, today 6th December, 2024.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2884

Permezz ta' digriet mogħti fid-19 ta' Novembru, 2024, mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fl-atti tar-Rikors Numru 144/2024JPG fl-ismijiet Mousab Al Matni vs Marcella Mifsud, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimata Marcella Mifsud a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Permezz ta' rikors fl-ismijiet Mousab Al Matni (KI 538612L) vs Marcella Mifsud (KI 225478M) fl-atti tar-rikors Numru 144/2024JPG, ippreżentat fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fl-20 ta' Marzu, 2024, ir-rikorrenti Mousab Al Matni (KI 538612L) talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ li ġie ċċelebrat fl-14 ta' Jannar, 2004, bejn il-partijiet;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati fi zmien imħolli għalhekk mill-istess Qorti javża lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-ħall taż-żwieġ tal-partijiet biex dan jiġi debitament registrat fir-Reġistru Pubbliku.

Il-kawża fl-ismijiet Mousab Al Matni vs Marcella Mifsud (Rik Nru 144/2024JPG) hija differita għas-16 ta' Jannar, 2025 fil-11.45 a.m.

Rikorrenti: 46, Triq ir-Ridott, Xemxija.

Intimata: Marcella Mifsud, 89, Mdina Road, Qormi.

By means of a decree of the 19th November, 2024, of the Civil Court (Family Section), in the records of the application in the names Mousab Al Matni vs Marcella Mifsud, Application Number 144/2024JPG, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Marcella Mifsud in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap 12)

By means of an Application in the records of the application Number 144/2024JPG in the names Mousab Al Matni (ID 538612L) vs Marcella Mifsud (ID 225478M), filed in the Civil Court (Family Section), on the 20th March, 2024, the applicant Mousab Al Matni (ID 538612L) requested this Honourable Court to:

1. Pronounce the dissolution of marriage celebrated on the 14th January, 2004, between the parties;

2. Order the Registrar of Courts so that within the time specified by this Court, notify the Director of Public Registry regarding the dissolution of marriage of the parties so that this is registered in the Public Registy.

The application in the names Mousab Al Matni vs Marcella Mifsud, Application Number 144/2024JPG has been postponed for hearing to the 16th January, 2025, at 11.45 a.m.

Applicant: 46, Triq ir-Ridott, Xemxija.

Respondent: Marcella Mifsud, 89, Mdina Road, Qormi.

Reġistru tal-Qrati Ċivili (Sezzjoni Familja), illum 6 ta' Diċembru, 2024.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Registry of the Civil Courts (Family Section), today 6th, December, 2024.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2885

Permezz ta' digriet mogħti fis-7 ta' Mejju, 2024, mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fl-atti tar-Rikors Numru 34/2024AGV fl-ismijiet Antonella Calleja pro et noe vs Michael Camilleri et, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat Michael Camilleri a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

By means of a decree of the 7th May, 2024, of the Civil Court (Family Section), in the records of the application in the names Antonella Calleja pro et noe vs Michael Camilleri et, Application Number 34/2024AGV, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Michael Camilleri in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12)

Permezz ta' rikors fl-ismijiet Antonella Calleja (KI 212192M) f'isimha proprju u bħala kuratriċi ad litem tal-minuri...omissis...vs Michael Camilleri (KI 282183M), Jonathan Felice u Direttur tar-Reġistru Pubbliku fl-atti tar-rikors Numru 34/2024AGV, ippreżentat fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fis-27 ta' Frar, 2024, ir-rikorrenti Antonella Calleja pro et noe talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

By means of an application in the records of the Application Number 34/2024AGV in the names Antonella Calleja (ID 212192M) in her own name and as curator ad litem of the minor...omissis...vs Michael Camilleri (ID 282183M), Jonathan Felice and Director Public Registry, filed in the Civil Court (Family Section), on the 27th February, 2024, the applicant Antonella Calleja pro et noe requested this Honourable Court to:

1. Tiddikjara lil...omissis...huwa l-missier naturali tal-intimat Michael Camilleri;

1. Declare that...omissis...is the natural father of the respondent Michael Camilleri;

2. Tordna l-korrezzjoni taċ-ċertifikat tat-twelid tal-minuri...omissis...billi fil-kolonna fejn hemm indikat isem u kunjom missier il-minuri tikkanċella isem Jonathan Felice u tissostitwih bl-isem Michael Camilleri u tordna wkoll illi l-partikolarijiet relattivi għal Jonathan Felice u cioè professjoni, sengħa jew stat ieħor, għall-età, għall-post tat-twelid u residenza u għal isem u kunjom il-missier u jekk hux ħaj jew mejjet inkwantu għal missier jigu korretti billi jindikaw dawk tal-missier biologiku Michael Camilleri.

2. Order the correction of the birth certificate of the minor...omissis...where in the column where there is indicated the name and surname of the minor's father cancel the name Jonathan Felice and replace it by the name Michael Camilleri and also order that the particulars relative to Jonathan Felice and namely profession, trade or other state, to the age, place of birth and residence and to the name and surname of the father and whether he is alive or dead as to the father be corrected by indicating those of the biological father Michael Camilleri.

3. Tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku, jirreġistra s-sentenza relattiva għat-tibdil fiċ-ċertifikat tal-minuri.

3. Order the Director Public Registry, to register the judgement relative to the change in the certificate of the minor.

Bl-ispejjeż kontra l-intimati jew minn minnhom u l-intimati jibqgħu nġunti għas-subizzjoni.

With costs against the respondents or either of whom and the respondents remain summoned so that a reference to their oath be made.

Il-kawża fl-ismijiet Antonella Calleja pro et noe vs Michael Camilleri et (Rik Nru 34/2024AGV) hija differita għas-7 ta' Jannar, 2025, fid-9.00 a.m.

The application in the names Antonella Calleja pro et noe vs Michael Camilleri et, Application Number 34/2024AGV has been postponed for hearing to the 7th January, 2025, at 9.00 a.m.

Rikorrenti: 71, Triq l-Isqof Scicluna, Qormi,

Intimat: Michael Camilleri – 121, Flat 1, Triq Vitorja, Qormi.

Applicant: 71, Triq l-Isqof Scicluna, Qormi,

Respondent: Michael Camilleri – 121, Flat 1, Triq Vitorja, Qormi.

Reġistru tal-Qrati Ċivili (Sezzjoni Familja), illum 6 ta' Diċembru, 2024.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Registry of the Civil Courts (Family Section), today 6th December, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2886

Permezz ta' digriet mogħti fit-28 ta' Ottubru, 2024, mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fl-atti tar-Rikors Numru 29/2024AF wara l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 87/2023 fl-ismijiet Isabelle Ruggier vs Khaled Shehata et, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' Isabelle Ruggier a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Permezz ta' rikors fl-ismijiet Isabelle Ruggier (KI 0098072M) vs Khaled u Anna konjugi Shehata (KI 330298M u 745261M rispettivament) fl-atti tar-rikors numru 29/2024AF ippreżentat fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fis-26 ta' Frar, 2024, ir-rikorrenti Anna Shehata (KI 745261M) talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

i) B'applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Art 836(1) (a) u subordinarjament l-Art 836(1)(f) tal-Kap. 12 tirrevoka u tħassar il-mandat ta' sekwestru kawtelatorju fl-ismijiet Isabelle Ruggier vs Khaled Shehata u Anna Shehata (Mandat Numru 87/2023) fir-rigward tar-rikorrenti Anna Shehata.

ii) B'applikazzjoni tad-dispozizzjonijiet tal-Art 836(8) (a) u (d) tal-Kap 12 tikkundanna lill-attrici Isabelle Ruggier għall-ħlas ta' penali ta' mhux inqas minn €1,164.69 u mhux izjed minn €6,988.12.

iii) Fin-nuqqas li ma jiġux milqugħa t-talbiet preċedenti, b'applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Art 838A tal-Kap. 12 tordna lill-attrici Isabelle Ruggier sabiex tagħti entro terminu li jiġi lilha prefiss, garanzija xierqa għall-ħlas tal-penali li tista' tiġi imposta u ta' danni u imgħax u jekk jonqos li tneħħi l-att kawtelatorju.

U dan taħt dawk il-provvedimenti li din l-Onorabbli Qorti jidhrulha xierqa u opportuni.

Bl-ispejjeż.

Rikorrenti: 7, Hurghada, Triq San Luqa, San Pawl il-Baħar, Malta.

Notifika: Intimata – Isabelle Ruggier – Metraco, Flat 2, Vjal ir-Rihan, San Ġwann, Malta.

Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) – Onor. Imħallef Anna Felice LLD.

By means of a decree of the 28th October, 2024, of the Civil Court (Family Section), in the records of the Application in the names Isabelle Ruggier vs Khaled Shehata et, Application Number 29/2024AF after the precautionary garnishee order 87/2023, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Isabelle Ruggier in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

By means of an Application in the records of the precautionary garnishee order number 87/2023 Application Number 29/2024AF in the names Isabelle Ruggier (ID 0098072M) vs Khaled and Anna spouses Shehata (ID 330298M and 745261M respectively) filed in the Civil Court (Family Section), on the 26th February, 2024, the applicant Anna Shehata (ID 745261M) requested this Honourable Court to:

i) In application of the provisions of Art 836 (1) (a) and subordinarily Art 836 (1) (f) of Cap. 12 revokes and cancels the precautionary Garnishee order in the names Isabelle Ruggier vs Khaled Shehata and Anna Shehata (Warrant number 87/2023) as regards the applicant Anna Shehata.

ii) in application of the provisions of Art 836 (8) (a) and (d) of Cap 12 condemn the plaintiff Isabelle Ruggier to pay a penalty of not less than €1,164.69 and not more than €6,988.12.

iii) in default of upholding the previous demands, in application of the provisions of Art 838A of Cap 12 order the plaintiff Isabelle Ruggier to give within a term fixed to her, a reasonable guarantee for the payment of the penalty which may be imposed and of damages and interest and if she fails to remove the precautionary act.

And this under those provisions that this Honourable Court deems fit and opportune.

With costs.

Applicant: 7, Hurghada, Triq San Luqa, San Pawl il-Baħar, Malta.

Notification: Respondent – Isabelle Ruggier – Metraco, Flat 2, Vjal ir-Rihan, San Ġwann, Malta.

Civil Court (Family Section) – Honourable Madam Justice Anna Felice LLD.

Rik Nru 29/2024 wara l-mandat ta' sekwestru nru 87/2023.

Il-Qorti,

Rat ir-rikors;

Tordna n-notifika b'għaxart ijiem għat-tweġiba.

Tiffissa r-rikors għas-smigħ għall-21 ta' Marzu, 2024, fis-1.00 p.m. li gie differit għat-8 ta'Jannar, 2025, fid-9.00 a.m.

Illum 26 ta' Frar, 2024.

Reġistru tal-Qrati Ċivili (Sezzjoni Familja), illum 6 ta' Diċembru, 2024.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Application No 29/2024AF after the garnishee order number 87/2023.

The Court,

Having seen the application;

Orders the notification with ten days within which to submit a reply.

Fixes the application for hearing to the 21st March, 2024, at 1.00 p.m. which was postponed to the 8th January, 2025, at 9.00 a.m.

Today, 26th February, 2024.

Registry of the Civil Courts (Family Section), today 6th December, 2024,

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2887

Permezz ta' digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fit-22 ta' Frar, 2024, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 3476/2023, fl-ismijiet Automated Revenue Management Services Ltd noe vs Klaus Tuchhandler, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' Klaus Tuchhandler a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

Illum l-21 ta' Novembru, 2023

Lil Klaus Tuchhandler – Passaport Nru 8020927785 ta' 171, Triq iż-Żewġ Mini, Isla.

Permezz tal-preżenti Automated Revenue Management Services Ltd (C46054) ta' Gattard House, Triq Nazzjonali, Blata l-Bajda, Malta, f'isimha proprju u għan-nom ta' Enemalta plc u l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma, qed tinnotifikat bl-annessa dikjarazzjoni ġuramentata mmarkata bħala Dokument A għall-finijiet u l-effetti kollha tal-Artikolu 466 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta u qed tinterpellak sabiex tħallas is-somma ta' €1,752.00, liema ammont huwa cert, likwidu u dovut u rappreżentanti bilanċ dovut għall-konsum ta' ilma u elettriku, kera ta' meter tal-ilma u l-elettriku, spejjeż amministrattivi, connection u disconnection fees u/jew kull ħlas ieħor skont ir-regolamenti fuq il-provvista tal-elettriku, jew ir-regolamenti dwar il-fornitura tal-ilma, flimkien mal-imgħax dovut fuq l-ammont u liema ammont jikkonsisti fis-segwenti:

I. In kwantu l-kont numru 411000063737 l-ammont ta' €1,422.62 fil-fond bl-indirizz Garage 10, Triq ix-Xatt Juan B Azopardo, Isla; u

By means of a decree of the 22nd February, 2024, handed down by the Court of Magistrates (Malta) in the records of the judicial letter number 3476/2023 in the names Automated Revenue Management Services Limited noe vs Klaus Tuchhandler, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Klaus Tuchhandler in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap. 12.

In the Court of Magistrates (Malta)

Today 21st November, 2023

To Klaus Tuchhandler (Passport Number 8020927785) of 171, Triq iż-Żewġ Mini, Isla.

By the present, Automated Revenue Management Services Limited (C 46054) of Gattard House, Triq Nazzjonali, Blata l-Bajda, Malta, in its own name and on behalf of Enemalta plc and Water Services Corporation, notifies you with the attached sworn declaration marked as Document A for all the purposes and effects of Article 466 of Cap. 12 of the Laws of Malta and solicits you to pay the amount of €1,752.00 which amount is sure, liquid and due and representing the balance due for the consumption of water and electricity, rent of water and electricity meter, administrative fees, connection and disconnection fees, and/or any other payment according to the electricity supply regulations and the water supply regulations together with interest due on the amount and which amount consists of the following:

I. As for utility bills number 411000063737 the amount of €1,422.62 regarding the premises Garage 10, Triq ix-Xatt Juan B Azopardo, Isla; and

II. In kwantu l-kont numru 101000253523 l-ammont ta' €329.38 fil-fond bl-indirizz 171, Triq iż-Żewġ Mini, Isla.

Nonostante diversi interpellazzjonijiet mill-mittenti għall-ħlas tal-ammont dovut, inti nqast milli tħallas sal-ġurnata tal-preżentata ta' din l-ittra. Aktar minn hekk ma hemm l-ebda raġuni valida għal din l-inadempjenza u int qatt ma kkontestajt l-ammont dovut.

Dan l-att qiegħed jintbagħat lilek għall-finijiet u l-effetti kollha tal-liġi u fin-nuqqas ta' pagament jew oppożizzjoni daparti tiegħek fit-termini tal-imsemmi Artikolu 466 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, il-mittenti tgħaddu biex tesegwixxu dan il-kreditu skont il-liġi.

Bl-ispejjeż

Reġistru tal-Qrati tal-Maġistrati (Malta), illum s-6 ta' Diċembru, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

II. As for utility bills number 101000253523 the amount of €329.38 regarding the premises 171, Triq iż-Żewġ Mini, Isla.

Despite several solicitations by the applicant company for the payment of the amount due, you remained in default and did not pay till the day of the filing of this judicial letter. In addition, there is no valid reason for your failure to pay and you never contested the amount due.

This act is being sent to you for all the purposes and effects of law and in default of payment or opposition on your part within the time mentioned in Article 466 Cap. 12 of the Laws of Malta, the applicant company shall proceed to enforce this credit according to law.

With costs

Registry of the Court of Magistrates (Malta), today 6th December, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2888

Permezz ta' digriet mogħti fl-14 ta' Novembru, 2024, mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-atti tal-mandat ta' sekwestru Numru 1777/2024, fl-ismijiet Istituto per le Opere di Religione vs Futura Investment Management Limited et ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' Futura Investment Management Limited proprio kif ukoll in rappreżentanza ta' Optimum Asset Management S.A. u Alberto Matta a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Permezz ta' rikors ippreżentat fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fl-ismijiet (sekwestrant) Istituto per le Opere di Religione, organizzazzjoni illi ma tagħmilx qligħ taħt il-Liġi Kanonika li tinsab ġewwa l-Istat tal-Vatikan, rappreżentata mill-mandatarju specjali l-Avukat Louis Cassar Pullicino (KI 441061M) vs (sekwestrat) Futura Investment Management Limited (C-53181); Optimum Asset Management S.A., kumpanija inkorporata taħt il-Liġijiet tal-Lussemburgu, bin-numru ufficjali B158100); u Alberto Matta (Passaport Taljan numru B 746108), fid-29 ta' Ottubru, 2024, ir-rikorrenti Istituto per le Opere di Religione kif lokalment rappreżentata talbu bir-rispett filwaqt li l-Avukat Dottor Louis Cassar Pullicino (KI 441061M) jikkonferma bil-ġurament:

Illi din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tordna l-ħruġ ta' mandat ta' sewkestru f'idejn is-sekwestratarju jew sekwestratarji kif jissemma hawn isfel, kontra s-sekwestrat għall-kreditu infraskritt u għall-ispejjez ta' din il-proċedura in kawtela tal-kreditu hawn taħt indikat:

By means of a decree of the 14th November, 2024, by the First Hall of the Civil Court, in the records of the Garnishee Order Number 1777/2024 in the names Istituto per le Opere di Religione vs Futura Investment Management Limited et, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on Futura Investment Management Limited proprio and also in on behalf of Optimum Asset Management S.A. and Alberto Matta in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12)

By means of an application in the First Hall of the Civil Court, in the names (creditor) Istituto per le Opere di Religione, non-profit organisation under the Canon Law which is located in the Vatican State, represented by the special mandatary Advocate Louis Cassar Pullicino (ID 441061M) vs (debtor) Futura Investment Management Limited (C-53181); Optimum Asset Management S.A., a company incorporated under the Laws of Luxembourg, with official number B158100); and Alberto Matta (Italian Passport number B 746108), filed on the 29th October, 2024, the applicant Istituto per le Opere di Religione as locally represented respectfully requested and as confirmed under oath by Advocate Doctor Louis Cassar Pullicino:

That this Honourable Court orders the issue of a garnishee order to be executed in the hands of the garnishee or garnishees as hereinafter mentioned against the said debtor for the debt herein mentioned and for the costs of this procedure, as security for the debt hereinafter indicated.

Kreditu
Sorte – €25,000,000
Imgħax - riservat
Spejjeż - riservati

Kawżali: Danni subiti mir-rikorrent u li għalihom huma responsabbli l-intimati flimkien ma' terzi oħrajn, in solidum jew mod ieħor u riżultanti mill-aġir illegali tagħhom bi ksur tal-obbligi fuduċjarji tagħhom fil-konfront tal-Istitut rikorrenti in konnessjoni ma' investiment magħmul f'Kappa Fund, liema pretensjonijiet diġà jinsabu dedotti b'mod dettaljat fir-rikors maħluf numru 923/2017 RGM fl-ismijiet: Istituto per le Opere di religione vs Futura Funds SICAV plc et. Dawn id-danni qed jiġu likwidati għall-finijiet ta' dan il-mandat u kif spjegat f'aktar dettal fix-xhieda mogħtija mill-Professur Paolo Colombo fil-kawża hawn fuq indikata.

Illum 29 ta' Ottubru, 2024

Ippreżentat mill-Avukat Louis Cassar Pullicino u l-Avukat Stefan Frendo u u l-PL Lindsey Galea

Mandat ta' Sekwestru

Repubblika ta' Malta

Mandat tal-Qorti

Billi gie ppreżentat 'il fuq imsemmi rikors, u jinkorru l-elementi meħtieġa skont il-ligi għall-ordnijiet infraskritti;

Inti għaldaqshekk fuq ir-rikors imsemmi ordnat illi b'kopja li tagħti ta' dan il-mandat, l-ewwel lis-sekwestrarji hawn fuq imsemmi u mbagħad lis-sekwestrat fuq imsemmi, iġġiegħel lill-istess sekwestratarji li jżommu għandhom bħala ssekwestrata sakemm jagħlaq iż-żmien li fih il-mandat jibqa' jseħħ skont il-ligi, jew, sakem jingħata Ordni ieħor jew li jqiegħdu fir-Registru ta' din il-Qorti, mill-imsemmija ħwejjeġ jew flus tas-sekwestrat kwantità (jew somma) biżżejjed sabiex biha titħallas it-talba tas-sekwestrant hawn fuq imsemmi flimkien mal-ispejjeż ta' dan il-mandat taħt piena ta' danni u l-imgħaxijiet kemm-il darba jinkiser dan l-ordni, u wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-eżekuzzjoni ta' dan il-mandat inti għandek tgħarraf lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti Ċivili Prim'Awla hawn fuq imsemmija bix-xhieda tal-Onor. Imħallef Miriam Hayman LLD, Duttur tal-Liġi.

Illum 29 ta' Ottubru, 2024

Lis-sekwestratarju,

Credit
Principal Amount Due - €25,000,000;
Interest - reserved
Costs - reserved

Title damages suffered by the applicant and for which the respondents together with other third parties are responsible, in solidum or otherwise and resulting from their illegal behaviour in violation of their financial obligations towards the applicant Institute in connection with an investment made in Kappa Fund, which claims are already said in detail in the sworn application number 923/2017 RGM in the names: Istituto per le opere di Religione vs Futura Funds SICAV plc et. These damages are being liquidated for the purposes of this warrant and as explained in more detail in the evidence given by Professor Paolo Colombo in the cause above indicated.

Today 29th October, 2024

Filed by Advocate Louis Cassar Pullicino and Advocate Stefan Frendo and Legal Procurator Lindsey Galea.

Garnishee Order

Republic of Malta

Court Warrant

Wheareas the above application has been filed and it contains the elements required according to law for the issue of the orders herein contained;

You are, therefore, on the said application, hereby ordered that, by delivering a copy of this Order, in the first place, to the aforesaid garnishees and subsequently to the debtor, you shall enjoin the said garnishees to retain in their possession as sequestered until the expiration of the time for which this warrant shall remain in force according to law or until further orders, or otherwise to deposit in the Registry of this Court, so much of the things or moneys in their possession appertaining to the said debtor as may be sufficient to satisfy the aforementioned claim of the said creditor together with the costs hereof under penalty of the payment of damages and interest, in case of disobedience and after execution, or upon your meeting with any obstacle in the execution hereof, you shall forthwith report to this Court.

Given by the Civil Court First Hall, above mentioned, with the witness of the Hon. Madam Justice Miriam Hayman LLD , Doctor of Laws.

Today 29th October, 2024

To the garnishees

Int ordnat li tiddepożita xi flus jew ħwejjeġ fi żmien dsatax-il (19) jum min-notifika tal-mandat, mar-Registratur tal-Qorti skont Artiklu 376(2) tal-Liġijiet ta' Malta.

Notifika: Futura Investment Management Limited proprio kif ukoll in rappreżentanza ta' Optimum Asset Management S.A. ta' Suite 4, 8th Floor, Portomosa Business Tower, St Julians u Alberto Matta ta' c/o Futura Investment Management Limited, Suite 4, 8th Floor, Portomaso Business Tower, St Julians.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 6 ta' Diċembru, 2024.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

You are ordered to deposit all sums and effects in your possession within ninteen (19) days from the notification of this warrant, with the Registrar of Courts according to Article 376(2) of the Laws of Malta.

Notification: Futura Investment Management Limited proprio and on behalf of Optimum Asset Management S.A. of Suite 4, 8th Floor, Portomosa Business Tower, St Julians and Alberto Matta of c/o Futura Investment Management Limited, Suite 4, 8th Floor, Portomaso Business Tower, St Julians.

Registry of the Superior Courts, today 6th December, 2024.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2889

B'digriet mogħti minn din il-Qorti fl-1 ta'Awwissu, 2024, fuq talba ta' Anna Spiteri ġie ordnat biex jintgħażlu kuraturi deputati biex jirrappreżentaw lill-assenti Ines Bezzina nee Galea fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 3504/2024 fl-ismijiet Anna Spiteri vs Joseph Farrugia et u kuraturi deputati u fl-atti l-oħra relattivi u sussegwenti.

Permezz ta' ittra uffiċjali ppreżentata fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-31 ta' Lulju, 2024, ta' Anna Spiteri (KI 0105357M) ta' 62, Triq il-Markiż Giuseppe Scicluna, Naxxar, kontra Joseph Farrugia (KI 108670M) ta' 5 St Francis Street, Balzan; Charles Farrugia (KI 453668M) ta' 22, Triq Ħal Saflieni, Ħal Luqa; Jesmond Farrugia (KI 173365M) ta' 20, Flat 7, Triq Prinċipessa Margerita, Msida, Mary Bugeja (KI 240143M) ta' Mary Lou, Triq E.B. Vella, Birkirkara, Mary Galea (KI 208842M) ta' Misraħ Lewża, Blokk 5, Bieb D, San Ġwann u kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lill-assenti Ines Bezzina nee Galea (KI 610553M) ta' 10, Norton Street, Sunshine, West Victoria 3020, Australia fejn permezz tal-preżenti Anna Spiteri tirreferi għal-legat konsistenti f'nofs sehem indiviż mid-dar 64 bil-garaxx anness magħha numru 66 diġà numru 35 Triq il-Markiż Scicluna, Naxxar illi ġie mħolli lilha mid-defunta ommkom fit-testment tagħha tad-19 ta' Settembru, 2002. B'dan il-legat, il-mittenti ġiet proprjetarja tad-dar u l-garaxx surriferiti stante li n-nofs indiviż l-ieħor ġie trasferit lilha permezz ta' kuntratt ta' datio in solitum datat 4 ta' Marzu, 2003.

Minkejja li l-proprjetajiet surriferiti huma interament tal-mittenti, intom għadkom sal-lum ma mmittejtuhiex uffiċjalment fil-pussess tal-istess. Dana minkejja li l-mittenti ilha fil-pussess fiżiku u materjali tal-legat.

By means of a decree given by this Court on the 1st August, 2024, following a request by Anna Spiteri it was ordered that deputy curators be chosen to represent the absentee Ines Bezzina in the acts of the judicial letter number 3504/2024 in the names Anna Spiteri vs Joseph Farrugia et and Deputy Curators and in the other relative and subsequent acts.

By means of a judicial letter filed in the First Hall of the Civil Courts on the 31st July, 2024, by Anna Spiteri (ID 0105357M) of 62, Triq il-Markiż Giuseppe Scicluna, Naxxar, against Joseph Farrugia (ID 108670M) of 5 St Francis Street, Balzan; Charles Farrugia (ID 453668M) of 22, Triq Ħal Saflieni, Luqa; Jesmond Farrugia (ID 173365M) of 20, Flat 7, Triq Prinċipessa Margerita, Msida, Mary Bugeja (ID 240143M) of Mary Lou, Triq E.B. Vella, Birkirkara, Mary Galea (ID 208842M) of Misraħ Lewza, Block 5, Door D, San Ġwann and deputy curators to represent the absent Ines Bezzina nee Galea (ID 610553M) of 10, Norton Street, Sunshine, West Victoria 3020, Australia whereby by means of the present Anna Spiteri refers to the legacy consisting of half an undivided share of the house 64 with the annexed garage number 66 previously number 35 Triq il-Markiż Scicluna, Naxxar which was bequeathed to her by her deceased mother in her will of the 19th September, 2002. By means of this legacy, the interpellant became the owner of the house and garage above mentioned since the other half undivided share was transferred to her by means of a deed of datio in solutum dated 4th March, 2003.

Although the properties above mentioned are entirely owned by the interpellant, you have not yet officially placed her in the possession of the same. This despite the fact that the interpellant has been in the physical and material possession of the legacy.

Għaldaqstant, il-mittenti tinterpellakom sabiex fi żmien ġimgħa minn din l-ittra timmittuha fil-pussess tad-dar 64 bil-garage anness magħha numru 66 diġà numru 35 Triq il-Markiż Scicluna, in-Naxxar.

Fin-nuqqas, il-mittenti twissikom li se tkun qed tieħu passi legali kollha neċessarji kontrikom.

Tant sabiex tagħrfu tirregolaw ruħkom u tevitaw spejjeż u proċeduri bla bżonn.

Bl-ispejjeż inkluż tal-preżenti
Rikorrenti - Anna Spiteri – 62, Triq il-Markiż Giuseppe Scicluna, Naxxar.

Intimati kuraturi deputati.

Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt ijem f'dan ir-Registru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Int ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel kuraturi tal-Uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-eżekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti Superjuri hawn fuq imsemmija bix-xhieda tal-Onor. Imħallef Lawrence Mintoff LLD, Duttur tal-Liġi.

Illum 1 ta' Awwissu, 2024.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 6 ta' Diċembru, 2024.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Registratur, Qrati Civili u Tribunali.

Thus, the interpellant solicits you so that within one week from this letter you place her in possession of the house 64 with the garage attached with it number 66 previously number 35 Triq il-Markiż Scicluna, Naxxar.

In default, the interpellant warns you that you shall be taking all the necessary legal action against you.

So much so that you may know how to regulate yourselves and avoid unnecessary costs and procedures.

With costs including those of the present
Interpellant - Anna Spiteri – 62, Triq il-Markiż Giuseppe Scicluna, Naxxar .

Notification – deputy curators

You are therefore ordered to affix an official copy of these banns at the entrance of this Superior Court and to summon whoever wishes to act as curator to appear before this registry within six days and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

